

ANNESS I
SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane 40 unità internazzjonali/ml suspensjoni għall-injezzjoni f'kunjett.
Protaphane 100 unità internazzjonali/ml suspensjoni għall-injezzjoni f'kunjett.
Protaphane Penfill 100 unità internazzjonali/ml suspensjoni għall-injezzjoni f'skartoċċ.
Protaphane InnoLet 100 unità internazzjonali/ml suspensjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-
lest.
Protaphane FlexPen 100 unità internazzjonali/ml suspensjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-
lest.

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Protaphane f'kunjett (40 unità internazzjonali/ml)

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 400 unità internazzjonali. Millilitru ta' suspensjoni fih 40 unità internazzjonali ta' insulina isophane (NPH) umana* (ekwivalenti għal 1.4 mg).

Protaphane f'kunjett (100 unità internazzjonali/ml)

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 unità internazzjonali. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 unità internazzjonali ta' insulina isophane (NPH) umana* (ekwivalenti għal 3.5 mg).

Protaphane Penfill

Skartoċċ fih 3 ml ekwivalenti għal 300 unità internazzjonali. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 unità internazzjonali ta' insulina isophane (NPH) umana* (ekwivalenti għal 3.5 mg).

Protaphane InnoLet/Protaphane FlexPen

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 unità internazzjonali. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 unità internazzjonali ta' insulina isophane (NPH) umana* (ekwivalenti għal 3.5 mg).

*L-insulina umana hija magħmula f'*Saccharomyces cerevisiae* permezz tat-teknoloġija tad-DNA rikombinanti

Eċċipjent b'effett magħruf:

Protaphane fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e Protaphane huwa essenzjalment 'bla sodium'.

Għal-lista sħiħa ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni għall-injezzjoni.

Is-suspensjoni hija akweja, bajda u opaka.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Protaphane hu indikat għall-kura tad-dijabete mellitus.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Il-qawwa tal-insulina umana hija mfissra f'unitajiet internazzjonali.

Id-dożaġġ ta' Protaphane hu individwali u jiġi stabbilit skont il-ħtiġijiet tal-pazjent. It-tabib ser jiddeċiedi jekk ikunx hemm bżonn ta' injezzjoni waħda kuljum jew ta' ħafna injezzjonijiet kuljum. Protaphane jista' jintuża waħdu jew jitħallat ma' insulina li taħdem malajr. F'kura intensiva ta' insulina, is-suspensjoni tista' tintuża bħala insulina bażilari (injezzjoni filgħaxija u/jew filgħodu) bl-insulina li taħdem malajr tingħata mal-ħin tal-ikel. Sabiex jintlaħaq l-aħjar kontroll gliċemiku possibbli, hu rrakkomandat li jkun hemm monitoraġġ tal-glukosju fid-demm.

Normalment il-ħtieġa individwali għall-insulina hi ta' bejn 0.3 u 1.0 unitajiet internazzjonali/kg/kuljum.

Jista' jkun hemm bżonn ta' aġġustament fid-doża jekk il-pazjenti jżidu l-attività fiżika tagħhom, ibidlu d-dietta normali tagħhom jew ikollhom xi mard ieħor fl-istess ħin.

Popolazzjonijiet speċjali

Anzjani (≥ 65 sena)

Protaphane jista' jintuża fl-anzjani.

F'pazjenti anzjani, il-monitoraġġ tal-glukosju għandu jkun aktar intensiv u d-doża tal-insulina aġġustata skont il-bżonn individwali.

Indeboliment renali u epatiku

L-indeboliment renali jew epatiku jista' jnaqqas il-ħtieġa għall-insulina tal-pazjent.

F'pazjenti b'indeboliment renali jew epatiku, il-monitoraġġ tal-glukosju għandu jkun aktar intensiv u d-doża tal-insulina umana aġġustata skont il-bżonn individwali.

Popolazzjoni pedjatrika

Protaphane jista' jintuża fit-tfal u fl-adolesxenti.

It-trasferiment minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina

Meta l-pazjenti jaqilbu minn prodotti mediċinali oħra ta' insulina li jaħdmu b'mod intermedju jew fit-tul, jista' jkun meħtieġ aġġustament fid-doża u fil-ħin ta' meta jingħata Protaphane.

Huwa rrakkomandat li waqt it-trasferiment u għall-ewwel fit ġimgħat mit-trasferiment isir monitoraġġ mill-grib tal-glukosju (ara sezzjoni 4.4).

Metodu ta' kif għandu jingħata

Protaphane hu insulina umana li jibda jaħdem bil-mod u li jaħdem fit-tul.

Protaphane jingħata minn taħt il-ġilda permezz ta' injezzjoni, fil-koxxa, fiż-żaqq, fiż-żona gluteali jew fiż-żona tad-deltoid. Is-siti tal-injezzjoni għandhom dejjem jinbidlu fl-istess reġjun sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' lipodistrofija u ta' amilojdozi tal-ġilda (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8). Is-suspensjonijiet ta' l-insulina m'għandhom qatt jingħataw minn ġol-vina. Injezzjoni ġol-ġilda mirfugħa 'l fuq tnaqqas ir-riskju li bi żball tagħti injezzjoni ġol-muskolu.

Għandek iżżomm il-labra taħt il-ġilda għal mill-anqas 6 sekondi biex tiżgura li tkun tajt id-doża kollha. Injezzjoni taħt il-ġilda fil-koxxa tirriżulta f'assorbiment aktar bil-mod u inqas varjabbli meta mqabbel ma' siti oħrajn ta' l-injezzjoni. Il-ħin kemm se jdum jaħdem se jvarja skont id-doża, is-sit tal-injezzjoni, il-fluss tad-demm, it-temperatura u l-livell ta' attività fiżika.

Suspensjonijiet tal-insulina m'għandhomx jintużaw f'pompi ta' infużjoni tal-insulina.

Għal-istruzzjonijiet ddettaljati, jekk jogħġbok irreferi għall-fuljett ta' tagħrif.

Protaphane f'kunjett (40 unità internazzjonali/ml)/Protaphane f'kunjett (100 unità internazzjonali/ml)

L-ġhoti b'siringa

Il-kunjetti ta' Protaphane huma għall-użu ma' siringi tal-insulina bi skala ta' unitajiet korrispondenti.

Protaphane Penfill

It-teħid permezz ta' sistema li tagħti l-insulina

Protaphane Penfill hu magħmul biex jintuża ma' sistemi ta' għoti ta' insulina NovoNordisk u labar NovoFine jew NovoTwist. Protaphane Penfill huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda minn pinna li tista' terġa' tintuża. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa, għandu jintuża kunjett.

Protaphane InnoLet

It-tehid b'InnoLet

Protaphane InnoLet hija pinna mimlija għal-lest magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintremew wara l-użu u b'tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. Innolet tagħti bejn unità 1 sa 50 unità f'żidiet ta' unità 1. Protaphane InnoLet huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa, għandu jintuża kunjett.

Protaphane FlexPen

It-tehid b'FlexPen

Protaphane FlexPen hija pinna mimlija għal-lest magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintremew wara l-użu u b'tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. FlexPen tagħti bejn unità 1 sa 60 unità f'żidiet ta' unità 1. Protaphane FlexPen huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa, għandu jintuża kunjett.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva elenkata fis-sezzjoni 6.1).

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Il-pazjent għandu jingħata parir biex jikkonsulta mat-tabib qabel ma jivvjaġġa f'pajjiżi li għandhom żoni tal-ħin differenti għax dan jista' jfisser li l-pazjent irid jieħu l-insulina u l-ikel f'ħinijiet differenti.

Ipergliċemija

Dożaġġ inadegwat jew it-twaqqif tal-kura, speċjalment f'pazjenti b'diabetu ta' tip 1, jista' jwassal għall-ipergliċemija u għall-ketoaċidożi diabetika. Normalment, l-ewwel sintomi ta' ipergliċemija jiżviluppaw bil-mod, fuq perijodu ta' sigħat jew jiem. Dawn jinkludu għatx, żieda fil-frekwenza li tagħmel l-awrina, nawsja, rimettar, tħeddil, ġilda xotta u ħamra, ħalq xott, nuqqas ta' aptit kif ukoll riħa ta' acetone fin-nifs. F'pazjenti b'diabetu ta' tip 1, avvenimenti ipergliċemiċi li ma jkunux ikkurati, eventwalment iwasslu għal ketoaċidosi diabetika, li hi potenzjalment fatali.

Ipogliċemija

Ikla maqbuża jew eżerċizzju fiżiku iebes mhux ippjanat jistgħu jwasslu għall-ipogliċemija.

L-ipogliċemija tista' sseħħ jekk id-doża ta' l-insulina tkun għolja wisq fil-konfront tal-ħtieġa ta' l-insulina. F'każ ta' ipogliċemija jew ta' suspett ta' ipogliċemija, Protaphane m'għandux jiġi injettat. Wara li l-livell tal-glukosju fid-demm tal-pazjent ikun ġie lura għan-normal, wieħed għandu jikkonsidra xi aġġustament fid-doża (ara sezzjonijiet 4.8 u 4.9).

Dawk il-pazjenti, li l-kontroll tal-glukosju fid-demm tagħhom jitjeb bil-kbir, eż. permezz ta' terapija intensifikata bl-insulina, għandhom jiġu avżati li jista' jkollhom bidla fis-sintomi normali ta' twissija tagħhom ta' l-ipogliċemija. Is-sintomi normali ta' twissija jistgħu ma jidhrux f'pazjenti li ilhom żmien twil b'diabetu.

Mard ieħor fl-istess ħin, speċjalment infezzjonijiet u kundizzjonijiet bid-deni, ħafna drabi jżidu l-ħtieġa tal-pazjent għall-insulina. Mard ieħor fil-kliwi, fil-fwied jew li jaffettwa l-glandoli adrenali, pitwitarji jew tat-tirojde jista' jikkawża tibdil fid-doża tal-insulina.

Meta pazjenti jiġu ttrasferiti għal tipi differenti ta' prodotti mediċinali tal-insulina, l-ewwel sintomi ta' twissija ta' l-ipogliċemija jistgħu jinbidlu jew ikunu inqas qawwija minn dawk li kienu jħossu bl-insulina li kellhom qabel.

It-trasferiment minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina

It-trasferiment ta' pazjent għal tip jew għamla oħra ta' insulina għandu jsir taħt superviżjoni medika stretta. Tibdil fil-qawwa, għamla (manifattur), tip, oriġini (insulina tal-annimali, insulina umana jew analogu tal-insulina) u/jew metodu tal-manifattura (DNA rikombinanti kontra insulina li ġejja mill-annimali) jista' jirriżulta fil-bżonn ta' tibdil fid-doża. Pazjenti trasferiti fuq Protaphane minn tip ta' insulina oħra jistgħu jkollhom bżonn numru ogħla ta' injezzjonijiet kuljum jew li jkun hemm xi tibdil fid-doża minn dik użata fil-prodotti mediċinali tal-insulina normali tagħhom. Jekk ikun meħtieġ aġġustament, dan jista' jseħħ ma' l-ewwel doża jew waqt l-ewwel ftit ġimgħat jew xhur.

Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni

Bħal kull terapija bl-insulina, jista' jkun hemm xi reazzjonijiet fil-post ta' l-injezzjoni u dawn jinkludu uġiġħ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbengi, nefħa u ħakk. Li fl-istess żona partikulari jkun hemm tibdil kontinwu tal-post ta' l-injezzjoni jnaqqas ir-riskju li jiżviluppaw dawn ir-reazzjonijiet. Normalment dawn ir-reazzjonijiet imorru wara xi ftit ġranet jew ġimgħat. F'okkażjonijiet rari, minħabba r-reazzjonijiet fil-post ta' l-injezzjoni jista' jkun hemm il-bżonn li Protaphane jitwaqqaf

Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda

Il-pazjenti għandhom jingħataw istruzzjonijiet biex iwettqu rotazzjoni kontinwa tas-sit tal-injezzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' żvilupp ta' lipodistrofija u ta' amilojdożi tal-ġilda. Hemm riskju potenzjali ta' assorbiment imdewwem tal-insulina u kontroll gliċemiku aggravat wara l-injezzjonijiet tal-insulina f'siti b'dawn ir-reazzjonijiet. Bidla f'daqqa fis-sit tal-injezzjoni f'parti mhux affettwata ġiet irrappurtata li tirriżulta f'ipogliċemija. Huwa rakkomandat monitoraġġ tal-glukożju fid-demm wara l-bidla fis-sit tal-injezzjoni minn parti affettwata għal parti mhux affettwata, u jista' jiġi kkunsidrat l-aġġustament tad-doża ta' medikazzjonijiet antidijabetiċi.

It-teħid ta' Protaphane flimkien ma' pioglitazone

Ġew irrapportati każijiet ta' insuffiċjenza kardijaka meta ġew użati fl-istess waqt pioglitazone u l-insulina, speċjalment f'dawk il-pazjenti li għandhom fatturi ta' riskju għall-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Wieħed għandu jżomm dan f'moħħu jekk tiġi kkunsidrata l-kura fejn pioglitazone u Protaphane jintużaw flimkien. Jekk jintużaw flimkien, il-pazjenti għandhom jiġu osservati għal sinjali u sintomi ta' insuffiċjenza kardijaka, żieda fil-piż jew edima. Pioglitazone għandu jitwaqqaf jekk jeħżienu xi sintomi kardijaċi.

Evitar tal-użu bi żball ta' insulina b'oħra/żbalji fl-ġhoti tal-insulina

Il-pazjenti għandhom jiġu infurmati biex dejjem jiċċekjaw it-tikketta tal-insulina qabel kull injezzjoni biex jevitaw li bi żball jużaw prodotti oħra tal-insulina minflok Protaphane.

Traċċabilità

Sabiex titjib it-traċċabilità ta' prodotti mediċinali bijoloġiċi, l-isem u n-numru tal-lott tal-prodott li ngħata għandhom jitniżżlu b'mod ċar.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Hemm numru ta' prodotti mediċinali li huma magħrufa li għandhom effett fuq il-metaboliżmu ta' glukosju.

Dawn is-sustanzi li ġejjin jistgħu jnaqqsu l-ħtieġa tal-pazjent għall-insulina:
Prodotti mediċinali antidijabetiċi orali, inibituri ta' monamine oxidase (MAOI), beta-blokkanti, inibituri ta' l-enzima li tikkonverti l-anġjotensin (ACE), saliċilati, steroidi anaboliċi u sulfonamidi.

Dawn is-sustanzi li ġejjin jistgħu jżidu l-ħtieġa tal-pazjent għall-insulina:
Kontraċettivi orali, tijażidi, glukokortikoidi, ormoni tat-tirojde, simpatomimetiċi, l-ormon tat-tikbir u danazol.

Il-beta-blokkanti jistgħu jaħbu s-sintomi tal-ipogliċemija.

Octreotide/lanreotide jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-ħtieġa għall-insulina.

L-alkoħol jista' jżid jew inaqqas l-effett ipogliċemiku tal-insulina.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

M'hemmx restrizzjonijiet fil-kura tad-dijabete bl-insulina matul it-tqala, minħabba li l-insulina ma tgħaddix mill-barriera tal-plaċenta.

Kemm l-ipogliċemija kif ukoll l-ipergliċemija, li jistgħu jseħħu f'terapija fejn id-dijabete ma tkunx ikkontrollata b'mod adegwat, iżidu r-riskju ta' malformazzjonijiet u mewt *in utero*. Għalhekk hu rrakkomandat li jkun hemm kontroll intensifikat tal-glukosju fid-demmi u monitoraġġ ta' nisa tqal bid-dijabete waqt it-tqala u waqt l-ippjanar tat-tqala. Il-ħtiġijiet għall-insulina normalment jonqsu fl-ewwel trimester u jiżdiedu sussegwentement matul it-tieni u t-tielet trimestri.
Wara l-ħlas, normalment il-ħtiġijiet għall-insulina jerġgħu lura malajr għal-livelli ta' qabel it-tqala.

Treddigħ

M'hemmx restrizzjonijiet għall-kura b'Protaphane waqt it-treddigħ. Il-kura bl-insulina, ta' l-omm li tkun qed tredda', ma toħloq l-ebda riskju għat-tarbija. Madankollu, jista' jkun hemm bżonn li d-doża ta' Protaphane tiġi aġġustata.

Fertilità

Studji ta' riproduzzjoni fl-annimali bl-insulina umana ma wrew ebda effett avvers fuq il-fertilità.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Il-ħila tal-pazjent li jikkonċentra u jirreaġixxi tista' tonqos minħabba l-ipogliċemija. Dan jista' joħloq riskju f'sitwazzjonijiet meta dawn il-ħiliet huma ta' importanza speċjali (eż. fis-sewqan ta' karożza jew tħaddim ta' makkinarju).

Il-pazjenti għandhom jingħataw parir sabiex jieħdu prekawzjonijiet biex jevitaw l-ipogliċemija waqt is-sewqan. Dan hu partikularment importanti f'dawk li għandhom nuqqas ta' għarfien jew l-ebda għarfien tas-sinjali ta' twissija ta' l-ipogliċemija jew li għandhom episodji frekwenti ta' ipogliċemija. Wieħed għandu jikkunsidra jekk isuxx jew le f'dawn iċ-ċirkustanzi.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil ta' sigurtà

L-aktar reazzjoni avversa rrapportata b'mod frekwenti waqt il-kura hija l-ipogliċemija. Il-frekwenzi ta' ipogliċemija jvarjaw skont il-popolazzjoni tal-pazjent, l-iskeda ta' dożaġġ u l-livell tal-kontroll gliċemiku, jekk jogħġbok ara Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari aktar 'l isfel.

Fil-bidu tal-kura bl-insulina, jistgħu jseħħu anomaliji ta' rifrazzjoni, edima u reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni (uġiġħ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbengi, nefħa u ħakk fis-sit tal-injezzjoni). Normalment dawn ir-reazzjonijiet jgħaddu. Titjib ta' malajr fil-kontroll tal-glukożju fid-demm jista' jkun assoċjat ma' wġiġħ newropatiku akut li ħafna drabi huwa reversibbli. Żieda fil-qawwa tat-terapija bl-insulina b'titjib f'daqqa fil-kontroll gliċemiku jista' jwassal li b'mod temporanju r-retinopatija diabetika tmur għall-aġar, waqt li titjib fit-tul tal-kontroll gliċemiku jnaqqas ir-riskju tal-iżvilupp tar-retinopatija diabetika.

Lista f'forma tabulari tar-reazzjonijiet avversi

Ir-reazzjonijiet avversi mniżżla hawn taħt huma bbażati fuq tagħrif minn studji kliniċi u kklassifikati skont il-frekwenza MedDRA u s-Sistema tal-Klassifika tal-Organi. Il-kategoriji ta' frekwenza ġew stabbiliti skont il-konvenzjoni li ġejja: Komuni ħafna ($\geq 1/10$); komuni ($\geq 1/100$ u $< 1/10$); mhux komuni ($\geq 1/1,000$ u $< 1/100$); rari ($\geq 1/10,000$ u $< 1/1,000$); rari ħafna ($< 1/10,000$), mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli).

Disturbi fis-sistema immuni	Mhux komuni - Urtikarja, raxx Rari ħafna - Reazzjonijiet anafilattiċi*
Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni	Komuni ħafna - Ipogliċemija*
Disturbi fis-sistema nervuża	Mhux komuni - Newropatija periferali (newropatija bl-uġiġħ)
Disturbi fl-għajnejn	Rari ħafna - Disturbi rifrazzjonali Mhux komuni - Retinopatija diabetika
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda	Mhux komuni – Lipodistrofija* Mhux magħruf - Amilojdożi tal-ġilda*†
Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata	Mhux komuni – Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni
	Mhux komuni – Edima

* ara Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari

† ADR minn sorsi wara li l-prodott tqiegħed fis-suq.

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari

Reazzjonijiet anafilattiċi

Li jseħħu reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva ġeneralizzata (li jinkludu raxx tal-ġilda ġeneralizzat, ħakk, għaraq, disturbi gastrointestinali, edima anġjonewrotika, diffikultajiet fit-teħid tan-nifs, tħabbit mgħaġġel tal-qalb u tnaqqis fil-pressure tad-demm) huwa rari iżda jistgħu jkunu ta' periklu għall-ħajja

Ipogliċemija

L-aktar reazzjoni avversa rrapportata b'mod frekwenti hija l-ipogliċemija. Tista' sseħħ jekk id-doża ta'

l-insulina hija għolja wisq fir-rigward tal-ħtieġa ta' l-insulina. L-ipogliċemija severa tista' twassal għal telf tas-sensi u/jew konvulżjonijiet u tista' tirriżulta fi ħsara temporanja jew permanenti fil-funzjoni tal-moħħ jew saħansitra f'mewt. Hawn drabi, is-sintomi ta' ipogliċemija jseħħu f'daqqa. Dawn jistgħu jinkludu għaraq kiesaħ, ġilda pallida u kiesħa, għeja, nervożità jew roġha, ansjetà, għeja jew debbulizza mhux tas-soltu, konfużjoni, diffikultà biex tikkonċentra, ħedla, ġuħ eċċessiv, tibdil fil-vista, uġiġħ ta' ras, dardir u palpitazzjoni.

Fi studji kliniċi, il-frekwenza ta' ipogliċemija tvarja skont il-popolazzjoni ta' pazjenti, skeda tad-doża u l-livell tal-kontroll gliċemiku.

Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda

Lipodistrofija (li tinkludi lipoipertrofija, lipoatrofija) u amilojdożi tal-ġilda jistgħu jseħħu fis-sit tal-injezzjoni u jdewmu l-assorbiment tal-insulina lokali. Rotazzjoni kontinwa tas-sit tal-injezzjoni fil-post indikat għall-injezzjoni tista' tgħin sabiex jitnaqqas jew jiġu evitati dawn ir-reazzjonijiet (ara sezzjoni 4.4).

Popolazzjoni pedjatrika

Skont sorsi ta' wara li l-prodott tqiegħed fis-suq u ta' studji kliniċi, m'hemmx indikazzjoni li hemm xi differenza fil-frekwenza, fit-tip u fis-severità tar-reazzjonijiet avversi osservati fil-popolazzjoni pedjatrika u daww li dehru fil-popolazzjoni ġenerali.

Popolazzjonijiet speċjali oħra

Skont sorsi ta' wara li l-prodott tqiegħed fis-suq u ta' studji kliniċi, m'hemmx indikazzjoni li hemm xi differenza fil-frekwenza, fit-tip u fis-severità tar-reazzjonijiet avversi osservati f'pazjenti anzjani u f'pazjenti b'indeboliment renali jew epatiku u daww li dehru fil-popolazzjoni ġenerali.

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rappurtati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa huma mitluba jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz **tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#)**.

4.9 Doża eċċessiva

Doża eċċessiva speċifika għall-insulina ma tistax tiġi definita, madankollu l-ipogliċemija tista' tiżviluppa fi stadji sekwenzjali jekk jiġu mogħtija dożi għoljin wisq fil-konfront tal-ħtieġa tal-pazjent:

- Episodji ħfief ta' ipogliċemija jistgħu jkunu kkurati bit-teħid orali tal-glukosju jew ta' prodotti li fihom iz-zokkor. Huwa għalhekk irrakkomandat li l-pazjent dijabetiku dejjem iġorr xi prodotti li fihom iz-zokkor
- Episodji ta' ipogliċemija severa, fejn il-pazjent jintilef minn sensih, jistgħu jiġu kkurati bil-glucagon (0.5 sa 1 mg) mogħti minn ġol-muskoli jew minn taħt il-ġilda minn persuna mħarrġa, jew bil-glukosju mogħti minn ġol-vini minn professjonist fil-kura tas-saħħa. Il-glukosju għandu jingħata minn ġol-vini jekk fi żmien 10 sa 15-il minuta l-pazjent ma jirrispondix għal glucagon. Meta jerġa' jiġi f'sensih, huwa rrakkomandat li l-pazjent jingħata l-karboidrati b'mod orali sabiex ma jerġax jirkadi.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Mediċini użati fid-dijabete. Insulini u analogi għall-injezzjoni, insulina li taħdem b'mod intermedju. Kodiċi ATC A10AC01.

Mekkaniżmu ta' azzjoni u effetti farmakodinamiċi

L-effett ta' l-insulina li tbaxxi l-livell ta' glukosju fid-demm iseħħ minħabba li l-insulina tingħaqad mar-riċetturi fuq iċ-ċelluli tal-muskolu u tax-xaħam u b'hekk tiġi ffaċilitata d-dħul ta' glukosju f'dawn iċ-ċelluli u minħabba l-inibizzjoni fl-istess ħin tal-produzzjoni ta' glukosju mill-fwied.

Protaphane hu insulina umana li jibda jaħdem bil-mod u li jaħdem fit-tul.

Jibda jaħdem fi żmien siegħa u nofs, jilħaq l-effett massimu fi żmien 4-12-il siegħa, u l-ħin totali ta' kemm idum jaħdem hu ta' madwar 24 siegħa.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

L-insulina fiċ-ċirkolazzjoni tad-demm għandha *half-life* ta' ftit minuti. Konsegwentement, il-profil taż-żmien ta' azzjoni ta' preparazzjoni insulinika jiddependi biss mill-karatteristiċi ta' l-assorbiment tagħha.

Dan il-proċess hu influwenzat minn diversi fatturi (eż. id-dożaġġ ta' l-insulina, il-mod u s-sit ta' l-injezzjoni, l-ammont ta' xaħam taħt il-ġilda, it-tip tad-dijabete). Għalhekk, il-proprietajiet farmakokinetiċi tal-prodotti mediċinali tal-insulina huma influwenzati minn varjazzjonijiet sinifikanti kemm fl-individwu stess u kemm bejn individwu u ieħor.

Assorbiment

Il-konċentrazzjoni massima ta' l-insulina fil-plażma tintlaħaq fi żmien 2-18-il siegħa wara l-ġhoti minn taħt il-ġilda.

Distribuzzjoni

Ma kien osservat l-ebda tgħaqqid b'saħħtu mal-proteini tal-plażma, ħlief għall-antikorpi ta' l-insulina li kienu qed jiċċirkolaw (jekk kienu preżenti).

Metaboliżmu

Hu rrapportat li l-insulina umana tiġi degradata mill-protease insulinika jew mill-enzimi degradanti ta' l-insulina u possibbilment mill-proteina disulfide isomerase. Ġew proposti numru ta' siti fuq il-molekula ta' l-insulina umana fejn jista' jsir il-qtuġh (idrolisi); l-ebda wieħed mill-metaboliti li jiffurmaw wara l-qtuġh ma hu attiv.

Eliminazzjoni

Il-*half-life* terminali hi stabbilita mir-rata ta' l-assorbiment mit-tessuti ta' taħt il-ġilda. Għalhekk il-*half-life* ($t_{1/2}$) hi kejl ta' l-assorbiment u mhux tat-tneħħija *per se* ta' l-insulina mill-plażma (l-insulina fiċ-ċirkolazzjoni tad-demm għandha $t_{1/2}$ ta' ftit minuti). L-istudji indikaw $t_{1/2}$ ta' madwar 5-10 sigħat.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Tagħrif mhux kliniku ibbażat fuq studji konvenzjonali ta' sigurtà farmakoloġika, effett tossiku minn dożi ripetuti, effett tossiku fuq il-ġeni, riskju ta' kanċer, effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva u l-iżvilupp, ma turi l-ebda periklu speċjali għall-bnedmin.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Zinc chloride

Glycerol

Metacresol
Phenol
Disodium phosphate dihydrate
Sodium hydroxide (għall-aġġustament tal-pH)
Hydrochloric acid (għall-aġġustament tal-pH)
Protamine sulfate
Ilma għall-injezzjonijiet

6.2 Inkompatibilitajiet

Prodotti mediċinali tal-insulina għandhom jiġu miżjuda biss ma' dawk is-sustanzi li huwa magħruf li huma kompatibbli magħhom. Is-suspensjonijiet ta' l-insulina m'għandhomx jiżiedu ma' fluwidi ta' l-infużjoni.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Qabel ma jinfetaħ: 30 xahar.

Protaphane f'kunjett (40 unità internazzjonali/ml)

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Il-prodott jista' jinħażen għal mhux iżjed minn 4 ġimgħat. Aħżen f'temperatura taħt 25°C.

Protaphane f'kunjett (100 unità internazzjonali/ml)

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Il-prodott jista' jinħażen għal mhux iżjed minn 6 ġimgħat. Aħżen f'temperatura taħt 25°C.

Protaphane Penfill/Protaphane InnoLet/Protaphane FlexPen

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Il-prodott jista' jinħażen għal mhux iżjed minn 6 ġimgħat. Aħżen f'temperatura taħt 30°C.

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C – 8°C). Tagħmlux fil-friża.

Protaphane f'kunjett (40 unità internazzjonali/ml)/ Protaphane f'kunjett (100 unità internazzjonali/ml)

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Aħżen f'temperatura taħt 25°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża.

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Protaphane Penfill

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża.

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Protaphane InnoLet/Protaphane FlexPen

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża.

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Protaphane f'kunjett (40 unità internazzjonali/ml)/ Protaphane f'kunjett (100 unità internazzjonali/ml)

Kunjett (tal-ħġieġ ta' tip 1) magħluq b'disk (gomma tal-bromobutyl/polyisoprene) u b'għatu protettiv tal-plastik li jingħalaq b'sikurezza u li fih suspensjoni ta' 10 ml.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1 u 5 kunjetti ta' 10 ml jew pakkett multiplu ta' 5 pakketti ta' kunjett ta' 1 x 10 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun fis-suq.

Protaphane Penfill

Skartoċċ (tal-ħġieġ ta' tip 1) bi plਾਂger (bromobutyl) u għatu tal-lastku (bromobutyl/polyisoprene) u li fih suspensjoni ta' 3 ml. L-iskartoċċ fih ballun tal-ħġieġ biex jagħmilha aktar faċli li terġa' ssir is-suspensjoni mill-ġdid.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1, 5 u 10 skrataċ. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Protaphane InnoLet/Protaphane FlexPen

Skartoċċ (tal-ħġieġ ta' tip 1) bi plਾਂger (bromobutyl) u għatu tal-lastku (bromobutyl/polyisoprene) li fih suspensjoni ta' 3 ml ġo pinna mimlija għal-lest li tagħti dożi multipli u li tintrema wara l-użu u magħmula mill-polypropylene. L-iskartoċċ fih ballun tal-ħġieġ biex jagħmilha aktar faċli li terġa' ssir is-suspensjoni mill-ġdid.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1, 5 u 10 pinen mimlijin għal-lest. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi u għal immaniġġar ieħor

Wara li tneħħi l-kunjett, l-iskartoċċ jew il-pinna mimlija għal-lest ta' Protaphane mill-friġġ, huwa rrakkomandat li tħalli l-kunjett, l-iskartoċċ jew il-pinna mimlija għal-lest ta' Protaphane jilħaq it-temperatura ambjentali tal-kamra qabel ma l-insulina terġa' tiġi magħmula f'suspensjoni skont l-istruzzjonijiet għall-ewwel użu.

Tużax dan il-prodott mediċinali jekk tinduna li l-likwidu li reġa' ġie magħmul f'suspensjoni mhuwiex abjad u opak b'mod uniformi.

Protaphane li ġie ffriztat m'għandux jintuża.

Il-pazjent għandu jingħata parir li jarmi l-labra u s-siringa wara kull injezzjoni.

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-iġijiet lokali.

Il-labar, is-siringi, l-iskrataċ u l-pinen mimlijin għal-lest m'għandhomx jiġu mislufa.

L-iskartoċċ m'għandux jerġa' jmintela mill-ġdid.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

8. NUMRUI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Protaphane f'kunjett (40 unità internazzjonali/ml)

EU/1/02/234/001

EU/1/02/234/002

EU/1/02/234/016

Protaphane f'kunjett (100 unità internazzjonali/ml)

EU/1/02/234/003

EU/1/02/234/004
EU/1/02/234/017

Protaphane Penfill

EU/1/02/234/005
EU/1/02/234/006
EU/1/02/234/007

Protaphane InnoLet

EU/1/02/234/010
EU/1/02/234/011
EU/1/02/234/012

Protaphane FlexPen

EU/1/02/234/013
EU/1/02/234/014
EU/1/02/234/015

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 07 Ottubru 2002

Data tal-aħħar tiġdid: 18 ta' Settembru 2007

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni ddettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>

ANNESS II

- A. MANIFATTURI TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U
MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-
LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONI RIGWARD IL-
PROVVISTA U L-UŻU.**
- Ċ KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-
AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**
- D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD
TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

A. MANIFATTURI TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifatturi tas-sustanza bijoloġika attiva

Novo Nordisk A/S	Novo Nordisk A/S
Novo Allé	Ħallas Allé
DK-2880 Bagsværd	DK-4400 Kalundborg
Id-Danimarka	Id-Danimarka

Isem u indirizz tal-manifatturi responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Kunnett ta' Protaphane (40 unità internazzjonali/ml) u InnoLet:

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

Kunnett ta' Protaphane (100 unità internazzjonali /ml) , Penfill u FlexPen:

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

Novo Nordisk Production SAS
45, Avenue d'Orléans
F-28000 Chartres
Franza

Fuq il-fuljett ta' tagħrif tal-prodott mediċinali għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott ikkonċernat.

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

Ċ. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà (PSURs)**

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati PSURs għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

- **Pjan tal-ġestjoni tar-riskju (RMP)**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (MAH) għandu jwettaq l-attivitajiet u l-interventi meħtieġa ta' farmakoviġilanza dettaljati fl-RMP maqbul ippreżentat fil-Modulu 1.8.2 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u kwalunkwe aġġornament sussegwenti maqbul tal-RMP.

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċju u r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

ANNESS III

TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA (KUNJETT)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane 40 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 400 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 40 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 1.4 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide/hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

Kunjett 1 ta' 10 ml
5 kunjetti ta' 10 ml

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqgħ l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 4 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża
Wagt l-użu: Aħżen taħt 25°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża
Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/001 kunjett 1 ta' 10 ml
EU/1/02/234/002 5 kunjetti ta' 10 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane 40

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN
TIKKETTA (KUNJETT)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Protaphane 40 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana
Minn taħt il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

3. DATA TA' SKADENZA

JIS/

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

10 ml

6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA U L-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT

KARTUNA TA' BARRA (KUNJETT)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 3.5 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide/hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

Kunjett 1 ta' 10 ml
5 kunjetti ta' 10 ml

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waq t l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 4 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża

Wagt l-użu: Aħżen taħt 25°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/003 kunjett 1 ta' 10 ml

EU/1/02/234/004 5 kunjetti ta' 10 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane 100

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC

SN

NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN
TIKKETTA (KUNJETT)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Protaphane 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana
Minn taħt il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

3. DATA TA' SKADENZA

JIS/

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

10 ml

6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

TIKKETTA TAL-KARTA TA' BARRA FUQ IL-PAKKETTI MULTIPLI (KUNJETT – bil-kaxxa ċ-ċelesti)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane 40 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 400 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 40 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 1.4 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide/hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

Pakkett multiplu: 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqf l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 4 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża

Waqt l-użu: Aħżen taħt 25°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/016 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane 40

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' ĠEWWA GĦALL-PAKKETTI MULTIPLI (KUNJETT –mingħajr il-kaxxa ċ-ċelesti)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane 40 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 400 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 40 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 1.4 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide/hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

kunjett 1 x 10 ml. Jagħmel parti minn pakkett multiplu, ma jistax jinbiegħ separat mill-kumplement

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqf l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 4 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen f' friġġ. Tagħmlux fil-friża

Wagt l-użu: Aħżen taħt 25°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/016 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane 40

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINGARA MILL-BNIEDEM

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

TIKKETTA TAL-KARTA TA' BARRA FUQ IL-PAKKETTI MULTIPLI (KUNJETT – bil-kaxxa ċ-ċelesti)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 3.5 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide, hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

Pakkett multiplu: 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waq t l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 6 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża

Wagt l-użu: Aħżen taħt 25°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/017 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane 100

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC

SN

NN

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' ĠEWWA GĦALL-PAKKETTI MULTIPLI (KUNJETT – mingħajr il-kaxxa ċ-ċelesti)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 3.5 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide, hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

kunjett 1 x 10 ml. Jagħmel parti minn pakkett multiplu, ma jistax jinbiegħ separat mill-kumplement

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqf l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 6 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża
Waq t l-użu: Aħżen taħt 25°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża
Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/017 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane 100

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINGARA MILL-BNIEDEM

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA (SKARTOĊĊ, Penfill)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane Penfill 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Skartoċċ fi 3 ml ekwivalenti għal 300 UI. Millilitru ta' suspensjoni fi 100 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 3.5 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide/hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

1 x 3 ml skartoċċ
5 x 3 ml skartoċċi
10 x 3 ml skartoċċi

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi
Għall-użu minn persuna waħda biss

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/

Waqf l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 6 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża

Waqf l-użu: Aħżen taħt 30°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża

Żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/005... skartoċċ 1 ta' 3 ml

EU/1/02/234/006 5 skartoċċi ta' 3 ml

EU/1/02/234/007 10 skartoċċi ta' 3 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane Penfill

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC

SN

NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN

TIKKETTA (SKARTOĊĊ, Penfill)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Protaphane Penfill 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana
Minn taħt il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

3. DATA TA' SKADENZA

JIS/

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

3 ml

6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST, InnoLet)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane InnoLet 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 3.5 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide/hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

1 x 3 ml pinna mimlija għal-lest
5 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest
10 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Il-labar mhumiex inklużi

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi
Għall-użu minn persuna waħda biss
Magħmul biex jintuża ma' labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/

Waqf l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 6 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża

Waqf l-użu: Aħżen taħt 30°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża

Żomm l-għatu fuq il-pinna sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GħAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRUI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/010 pinna 1 ta' 3 ml

EU/1/02/234/011 5 pinen ta' 3 ml

EU/1/02/234/012 10 pinen ta' 3 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane InnoLet

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINGARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN

TIKKETTA TAL-PINNA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST. InnoLet)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Protaphane InnoLet 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana
Minn taħt il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

3. DATA TA' SKADENZA

JIS/

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

3 ml

6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST. FlexPen)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Protaphane FlexPen 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest
insulina umana

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 UI. Millilitru ta' suspensjoni fih 100 UI ta' insulina umana (ekwivalenti għal 3.5 mg),

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide/hydrochloric acid għall-aġġustament tal-pH, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

1 x 3 ml pinna mimlija għal-lest
5 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest
10 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu għal taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Il-labar mhumiex inklużi

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Erga' ifforma suspensjoni skont l-istruzzjonijiet
Uża biss is-suspensjoni li reġgħet ġiet ifformata jekk hi bajda u opaka b'mod uniformi
Għall-użu minn persuna waħda biss
Magħmul biex jintuża ma' labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm

8. DATA TA' SKADENZA

JIS/

Waqf l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Uża fi żmien 6 ġimgħat

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża

Waqf l-użu: Aħżen taħt 30°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża

Żomm l-għatu fuq il-pinna sabiex tilqa' mid-dawl

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GħAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

12. NUMRUI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/234/013 pinna 1 ta' 3 ml

EU/1/02/234/014 5 pinen ta' 3 ml

EU/1/02/234/015 10 pinen ta' 3 ml

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Protaphane FlexPen

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN

TIKKETTA TAL-PINNA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST. FlexPen)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Protaphane FlexPen 100 UI/ml
Suspensjoni għall-injezzjoni
insulina umana
Minn taħt il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

3. DATA TA' SKADENZA

JIS/

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

3 ml

6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

Protaphane 40 UI/ml (unità internazzjonali/ml) suspensjoni għall-injezzjoni f'kunjett insulina umana

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

1. X'inhum Protaphane u għalxiex jintuża

Protaphane hu insulina umana li jibda jaħdem bil-mod u li jaħdem fit-tul.

Protaphane jintuża biex inaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm f'pazjenti bid-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Il-kura b'Protaphane tgħin biex tippreveni kumplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

Protaphane jibda jibaxxilek il-livell taz-zokkor fid-demm madwar siegħa u nofs wara li tinjettah u l-effett idur għal madwar 24 siegħa. Ħafna drabi Protaphane jingħata flimkien ma' preparazzjonijiet tal-insulina li jaħdmu b'mod malajr.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane

Tużax Protaphane

- ▶ Jekk inti allerġiku/a għall-insulina umana jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina, ara sezzjoni 6.
- ▶ Jekk qiegħed/qegħda tissuspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm), ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.
- ▶ F'pompi tal-infużjoni tal-insulina
- ▶ Jekk l-għatu protettiv huwa laxx jew nieqes. Kull kunjett għandu għatu protettiv tal-plastik magħmul apposta kontra t-tbagħbis. Jekk mhuwiex f'kundizzjoni perfetta meta tiegħu l-kunjett, rodd il-kunjett lura lil min ipprovdihulek.
- ▶ Jekk ma jkunx ġie maħżun tajjeb jew ikun ġie ffriżat, ara sezzjoni 5.
- ▶ Jekk l-insulina li reġgħet għet magħmula f'suspensjoni ma tidhirx bajda u opaka b'mod uniformi.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax Protaphane. Tkellem mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek għal parir.

Qabel ma tuża Protaphane

- ▶ Iċċekkja t-tikketta biex taċċerta ruħek li hi t-tip ta' insulina t-tajba
- ▶ Neħħi l-għatu protettiv
- ▶ Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni sabiex tippreveni l-kontaminazzjoni
- ▶ Il-labar u s-siringi m'għandhomx jinqasmu ma' ħaddieħor.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek:

- ▶ Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- ▶ Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek.
- ▶ Jekk inti marid, kompli hu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- ▶ Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet ta' l-injezzjonijiet tiegħek.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iż-zokkor fid-demmm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidiabetiċi l-oħra tiegħek.

Mediċini oħra u Protaphane

Għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra.

Xi mediċini jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tal-insulina tiegħek ikollha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw il-kura tiegħek bl-insulina.

Il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:

- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demmm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demmm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġiġħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulfonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:

- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides (użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demmm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde (użati fil-kura ta' disturb fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi (bħal epinephrine [adrenaline], salbutamol jew terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- L-ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demmm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta' zokkor fid-demmm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)

Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi neffa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

Protaphane mal-alkoħol

- ▶ Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demem tiegħek jista' jitla' jew jinżel. Huwa rrakkomandat monitoraġġ tajjeb.

Tqala u treddigħ

- ▶ Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Protaphane jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
- ▶ M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'Protaphane waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħda tredda', itlob il-parir tat-tabib, tal-ispiżjar jew tal-infermier tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

- ▶ Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iz-zokkor fid-demem huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġixxi jistgħu jiġu affettwati u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

Protaphane fih sodium

Protaphane fih inqas minn mmol l ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li Protaphane huwa 'bla sodium'.

3. Kif għandek tuża Protaphane

Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddillek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

Użu fit-tfal u fl-adolessenti

Protaphane jista' jintuża fit-tfal u fl-adolessenti.

Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliwi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni

Protaphane jingħata permezz ta' injezzjoni minn taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli).

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża. Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew li l-ġilda titthaffer, ara sezzjoni 4. L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); fil-patata; il-parti ta' quddiem ta' kuxxejk jew il-parti ta' fuq ta' dirgħajk. L-insulina taħdem aktar malajr jekk tinjetta fil-qadd (iż-żaqq). Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

Kif tieħu Protaphane

Il-kunjetti ta' Protaphane huma għall-użu ma' siringi tal-insulina bi skala korrispondenti ta' unitajiet.

Jekk tuża tip wieħed biss ta' insulina

1. Irrombla l-kunjett bejn idejk sakemm il-likwidu jkun abjad u opak b'mod uniformi. Ikun iktar faċli li tiffirma suspensjoni mill-ġdid meta l-insulina tkun laħqet it-temperatura tal-kamra. Iġbed l-arja ġos-siringa, fl-istess ammont bħad-doża ta' l-insulina li tkun se tinjetta. Injetta l-arja ġol-kunjett.
2. Dawwar il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u iġbed ġos-siringa d-doża korretta ta' insulina. Iġbed il-labra 'l barra mill-kunjett. Imbagħad imbotta l-arja 'l barra mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta.

Jekk trid tħallat żewġ tipi ta' insulini

1. Eżatt qabel l-użu rrombla l-kunjett ta' Protaphane bejn idejk, sakemm il-likwidu jkun abjad u opak b'mod uniformi. Ikun iktar faċli li tiffirma suspensjoni mill-ġdid meta l-insulina tkun laħqet it-temperatura tal-kamra.
2. Iġbed ġos-siringa l-istess ammont ta' arja daqs id-doża ta' Protaphane. Injetta l-arja ġol-kunjett li fih l-Protaphane u iġbed il-labra 'l barra.
3. Iġbed ġos-siringa l-istess ammont ta' arja daqs id-doża tal-insulina li taħdem malajr. Injetta l-arja ġol-kunjett li fih l-insulina li taħdem malajr. Imbagħad dawwar il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u imbotta l-arja 'l barra mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta.
4. Imbotta l-labra ġol-kunjett ta' Protaphane u dawwar il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u iġbed id-doża li ġiet ordnata lilek mit-tabib. Armi l'barra kwalunkwe arja mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta. Injetta t-taħlita immedjatament.
5. Dejjem ħallat Protaphane u l-insulina li taħdem malajr bl-istess sekwenza.

Kif tinjetta Protaphane

- Injetta l-insulina taħt il-ġilda. Uża t-teknika ta' l-injezzjoni kif tak parir it-tabib jew l-infermier/a tiegħek
- Żomm il-labra taħt il-ġilda tiegħek għal mill-anqas 6 sekondi biex tiżgura li injettajt l-insulina kollha.
- Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa.

Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:

- Tinjetta wisq insulina.
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla.
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu.
- Tixrob l-alkoħol, ara Protaphane mal-alkoħol f'sezzjoni 2.

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: Għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġiġħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożità jew roġha; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm għal tul ta' żmien ma jiġix ikkurat, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat għewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:

- Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, hu pilloli tal-glukosju jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli, iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell tal-glukosju fid-demm tiegħek ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina bħas-soltu.
- Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li jagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom

bżonn jiġu aġġustati

Għid lil daww il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi, inkluż ir-riskju li jista' jkoll ħażen ħażen (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demem. Għidilhom li jekk tħossok ħażen għandhom idawruk fuq ġenbek u jgħibu għajjnuna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax tista' tifga.

Reazzjoni allerġika serji għal Protaphane jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Fittex parir mediku minnufih:

- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.
- Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jikkien (lipoatrofija) jew jiħkien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħkienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

Lista ta' effetti sekondarji oħra

Effetti sekondarji mhux komuni

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġiġħ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbengi, nefħa u haħk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara f'it ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellew lit-tabib tiegħek minnufih. Ara wkoll aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Retinopatija diabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija diabetika u l-livell taz-zokkor fid-demem tiegħek jittjieb malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-aħgar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellew mat-tabib tiegħek.

Effetti sekondarji rari ħafna

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Problemi ta' vista: Fil-bidu li tibda l-kura tiegħek bl-insulina, jista' jkollok xi problemi bil-vista iżda ħafna drabi dan id-disturb huwa temporanju.

Newropatija bl-uġiġħ (uġiġħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livell taz-zokkor fid-demem tiegħek jittjieb malajr ħafna, jista' jkollok uġiġħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġiġħ u normalment hija tranżitorja.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellew lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f'[Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

Effetti tad-dijabete

Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:

- Ma injettajttx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqft tiegħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:

Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi nghanas jew ghajjen; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:

- ▶ Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq: ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ▶ Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi diabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma diabetika u eventwalment għall-mewt.

5. Kif taħżen Protaphane

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza, li tidher fuq it-tikketta tal-kunjett u l-kaxxa wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xaħar.

Protaphane irid jiġi protett mis-sħana eċċessiva u mid-dawl.

Qabel ma jinfetax: Aħżen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C – 8°C. Żomm 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

Wagt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża. Tista' għorru miegħek u żżommu f'temperatura ta' kamra (taħt 25°C) sa mhux iżjed minn 4 ġimgħat.

Meta ma tkunx qed/a tużax, dejjem żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Armi l-labra u s-siringa wara kull injezzjoni.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Protaphane

- Is-sustanza attiva hi insulina umana. Protaphane huwa suspensjoni ta' insulina umana isophane (NPH) Kull millilitru fih 40 UI ta' insulina umana. Kull kunjett fih 400 UI ta' insulina umana f'10 ml ta' suspensjoni għall-injezzjoni.

- Is-sustanzi l-oħra huma zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide, hydrochloric acid, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet.

Kif jidher Protaphane u l-kontenut tal-pakkett:

Issib Protaphane bħala suspensjoni għall-injezzjoni. Wara li terġa' tagħmel is-suspensjoni mill-ġdid il-likwidu għandu jidher abjad u opak b'mod uniformi.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1 jew 5 kunjetti ta' 10 ml jew pakkett multiplu ta' 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-suspensjoni hija akweja, bajda u opaka.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'

Sorsi oħra ta' informazzjoni

Informazzjoni ddettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

Protaphane 100 UI/ml (unità internazzjonali/ml) suspensjoni għall-injezzjoni f'kunjett insulina umana

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

1. X'inhum Protaphane u għalxiex jintuża

Protaphane hu insulina umana li jibda jaħdem bil-mod u li jaħdem fit-tul.

Protaphane jintuża biex inaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm f'pazjenti bid-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Il-kura b'Protaphane tgħin biex tippreveni kumplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

Protaphane jibda jbaxxilek il-livell taz-zokkor fid-demm madwar siegħa u nofs wara li tinjettah u l-effett idur għal madwar 24 siegħa. Ħafna drabi Protaphane jingħata flimkien ma' preparazzjonijiet tal-insulina li jaħdmu b'mod malajr.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane

Tużax Protaphane

- ▶ Jekk inti allerġiku/a għall-insulina umana jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina, ara sezzjoni 6.
- ▶ Jekk qiegħed/qegħda tissuspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm), ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.
- ▶ F'pompi tal-infużjoni tal-insulina
- ▶ Jekk l-għatu protettiv huwa laxx jew nieqes. Kull kunjett għandu għatu protettiv tal-plastik magħmul apposta kontra t-tbagħbis. Jekk mhuwiex f'kundizzjoni perfetta meta tiegħu l-kunjett, rodd il-kunjett lura lil min ipprovdihulek.
- ▶ Jekk ma jkunx ġie maħżun tajjeb jew ikun ġie ffriżat, ara sezzjoni 5.
- ▶ Jekk l-insulina li reġgħet għet magħmula f'suspensjoni ma tidhirx bajda u opaka b'mod uniformi.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax Protaphane. Tkellem mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek għal parir.

Qabel ma tuża Protaphane

- ▶ Iċċekkja t-tikketta biex taċċerta ruħek li hi t-tip ta' insulina t-tajba
- ▶ Neħħi l-għatu protettiv
- ▶ Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni sabiex tippreveni l-kontaminazzjoni
- ▶ Il-labar u s-siringi m'għandhomx jinqasnu ma' ħaddieħor.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek:

- ▶ Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- ▶ Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek.
- ▶ Jekk inti marid, kompli hu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- ▶ Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet ta' l-injezzjonijiet tiegħek.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġi evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iż-zokkor fid-demmm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

Mediċini oħra u Protaphane

Għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra.

Xi mediċini jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tal-insulina tiegħek ikollha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw il-kura tiegħek bl-insulina.

Il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:

- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demmm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demmm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġiġħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulfonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:

- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides (użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demmm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde (użati fil-kura ta' disturb fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi (bħal epinephrine [adrenaline], salbutamol jew terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- L-ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demmm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta' zokkor fid-demmm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)

Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi neffa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

Protaphane mal-alkoħol

- ▶ Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel. Huwa rrakkomandat monitoraġġ tajjeb.

Tqala u Treddiġh

- ▶ Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Protaphane jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
- ▶ M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'Protaphane waqt it-treddiġh.

Waqt li inti tqila jew qiegħda tredda', itlob il-parir tat-tabib, tal-ispiżjar jew tal-infermier tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

- ▶ Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iz-zokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġixxi jistgħu jiġu affettwati u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

Protaphane fih sodium

Protaphane fih inqas minn mmol l ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li Protaphane huwa 'bla sodium'.

3. Kif għandek tuża Protaphane

Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddillek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

Użu fit-tfal u fl-adolessenti

Protaphane jista' jintuża fit-tfal u fl-adolessenti.

Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliwi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni

Protaphane jingħata permezz ta' injezzjoni minn taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli).

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża. Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew li l-ġilda titthaffer, ara sezzjoni 4. L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); fil-patata; il-parti ta' quddiem ta' kuxxejk jew il-parti ta' fuq ta' dirgħajk. L-insulina taħdem aktar malajr jekk tinjetta fil-qadd (iż-żaqq). Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

Kif tieħu Protaphane

Il-kunjetti ta' Protaphane huma għall-użu ma' siringi tal-insulina bi skala korrispondenti ta' unitajiet.

Jekk tuża tip wieħed biss ta' insulina

1. Irrombla l-kunjett bejn idejk sakemm il-likwidu jkun abjad u opak b'mod uniformi. Ikun iktar faċli li tiffirma suspensjoni mill-ġdid meta l-insulina tkun laħqet it-temperatura tal-kamra. Iġbed l-arja ġos-siringa, fl-istess ammont bħad-doża ta' l-insulina li tkun se tinjetta. Injetta l-arja ġol-kunjett.
2. Dawwar il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u iġbed ġos-siringa d-doża korretta ta' insulina. Iġbed il-labra 'l barra mill-kunjett. Imbagħad imbotta l-arja 'l barra mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta.

Jekk trid tħallat żewġ tipi ta' insulini

1. Eżatt qabel l-użu rrombla l-kunjett ta' Protaphane bejn idejk, sakemm il-likwidu jkun abjad u opak b'mod uniformi. Ikun iktar faċli li tiffirma suspensjoni mill-ġdid meta l-insulina tkun laħqet it-temperatura tal-kamra.
2. Iġbed ġos-siringa l-istess ammont ta' arja daqs id-doża ta' Protaphane. Injetta l-arja ġol-kunjett li fih l-Protaphane u iġbed il-labra 'l barra.
3. Iġbed ġos-siringa l-istess ammont ta' arja daqs id-doża tal-insulina li taħdem malajr. Injetta l-arja ġol-kunjett li fih l-insulina li taħdem malajr. Imbagħad dawwar il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u imbotta l-arja 'l barra mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta.
4. Imbotta l-labra ġol-kunjett ta' Protaphane u dawwar il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u iġbed id-doża li ġiet ordnata lilek mit-tabib. Armi l'barra kwalunkwe arja mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta. Injetta t-taħlita immedjatament.
5. Dejjem ħallat Protaphane u l-insulina li taħdem malajr bl-istess sekwenza.

Kif tinjetta Protaphane

- Injetta l-insulina taħt il-ġilda. Uża t-teknika ta' l-injezzjoni kif tak parir it-tabib jew l-infermier/a tiegħek
- Żomm il-labra taħt il-ġilda tiegħek għal mill-anqas 6 sekondi biex tiżgura li injettajt l-insulina kollha.
- Wara kull injezzjoni armi l-labra u s-siringa.

Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demmm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demmm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

Livell baxx ta' zokkor fid-demmm (ipogliċemija) huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demmm jista' jseħħ jekk inti:

- Tinjetta wisq insulina
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol, ara Protaphane mal-alkoħol f'sezzjoni 2

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: Għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġiġħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożità jew roġħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demmm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demmm ma jiġix ikkurat, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demmm:

- Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demmm, hu pilloli tal-glukosju jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli, iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demmm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demmm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell tal-glukosju fid-demmm tiegħek ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina bħas-soltu.
- Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demmm li jagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demmm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom

bżonn jiġu aġġustati

Għid lil daww il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi, inkluż ir-riskju li jista' jtik ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jgħibu għajjnuna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax tista' tifga.

Reazzjonijiet allerġiċi serji għal Protaphane jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Fittex parir mediku minnufih:

- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.
- Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħkien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħkienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

Lista ta' effetti sekondarji oħra

Effetti sekondarji mhux komuni

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100.

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġiġħ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbengi, nefħa u haħk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara f'tit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellew lit-tabib tiegħek minnufih. Ara wkoll aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Retinopatija dijabatika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabatika u l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-aġħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Newropatija bl-uġiġħ (uġiġħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb malajr ħafna, jista' jkollok uġiġħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġiġħ u normalment hija tranżitorja.

Effetti sekondarji rari ħafna

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Problemi ta' vista: Fil-bidu li tibda l-kura tiegħek bl-insulina, jista' jkollok xi problemi bil-vista iżda ħafna drabi dan id-disturb huwa temporanju.

Effetti tad-dijabete

Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:

- Ma injettajttx biżżejjed insulina

- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:

Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi nġhas jew għajjen; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:

- Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq: ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jizzied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahix, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

5. Kif taħżen Protaphane

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza, li tidher fuq it-tikketta tal-kunnett u l-kaxxa wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xaħar.

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C – 8°C. Żomm 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

Wagt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża. Tista' ġġorru miegħek u żżommu f'temperatura ta' kamra (taħt 25°C) sa mhux iżjed minn 6 ġimgħat.

Meta ma tkunx qed/a tużax, dejjem żomm il-kunnett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Armi l-labra u s-siringa wara kull injezzjoni.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Protaphane

- Is-sustanza attiva hi insulina umana. Protaphane huwa suspensjoni ta' insulina umana isophane (NPH) Kull millilitru fih 100 UI ta' insulina umana. Kull kunnett fih 1,000 UI ta' insulina umana f'10 ml ta' suspensjoni għall-injezzjoni.
- Is-sustanzi l-oħra huma zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide, hydrochloric acid, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet.

Kif jidher Protaphane u l-kontenut tal-pakkett:

Issib Protaphane bħala suspensjoni għall-injezzjoni. Wara li terġa' tagħmel is-suspensjoni mill-ġdid il-likwidu għandu jidher abjad u opak b'mod uniformi.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1 jew 5 kunjetti ta' 10 ml jew pakkett multiplu ta' 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-suspensjoni hija akweja, bajda u opaka.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

Manifattur

Il-manifattur jista' jiġi identifikat permezz tan-numru tal-lott ipprintjat fuq l-istrixxa tal-kartun u fuq it-tikketta:

- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma S6 jew ZF, il-manifattur huwa Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka
- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma T6, il-manifattur huwa Novo Nordisk Production SAS, 45 Avenue d'Orléans F-28000 Chartres, Franza.

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'

Sorsi oħra ta' informazzjoni

Informazzjoni ddettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

Protaphane Penfill 100 UI/ml (unità internazzjonali/ml) suspensjoni għall-injezzjoni f'skartoċċ insulina umana

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhu Protaphane u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane
3. Kif għandek tuża Protaphane
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Protaphane
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhu Protaphane u għalxiex jintuża

Protaphane hu insulina umana li jibda jaħdem bil-mod u li jaħdem fit-tul.

Protaphane jintuża biex inaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm f'pazjenti bid-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Il-kura b'Protaphane tgħin biex tippreveni kumplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

Protaphane jibda jbaxxilek il-livell taz-zokkor fid-demm madwar siegħa u nofs wara li tinjettah u l-effett idum għal madwar 24 siegħa. Ħafna drabi Protaphane jingħata flimkien ma' preparazzjonijiet tal-insulina li jaħdmu b'mod malajr.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane

Tużax Protaphane

- ▶ Jekk inti allerġiku/a għall-insulina umana jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina, ara sezzjoni 6.
- ▶ Jekk qiegħed/qegħda tissuspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm), ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.
- ▶ F'pompi tal-infużjoni tal-insulina
- ▶ Jekk l-iskartoċċ jew l-apparat li ġo fih hemm l-iskartoċċ jitwaqqa', tiġrilu l-ħsara jew jitgħaffegħ.
- ▶ Jekk ma jkunx ġie maħżun tajjeb jew ikun ġie ffriżat, ara sezzjoni 5.
- ▶ Jekk l-insulina li reġgħet għet magħmula f'suspensjoni ma tidhirx bajda u opaka b'mod uniformi.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax Protaphane. Tkellem mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek għal parir.

Qabel ma tuża Protaphane

- Iċċekkja t-tikketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina
- Dejjem iċċekkja l-iskartoċċ, inkluż il-plaġer tal-gomma (tapp) fit-tarf tal-iskartoċċ. Tużahx jekk tara xi ħsara jew jekk il-plaġer tal-gomma huwa mtella' aktar 'il fuq mill-faxx ta' tikketta bajda fit-tarf tal-iskartoċċ. Dan jista' jkun ir-riżultat ta' xi telf ta' insulina mill-iskartoċċ. Jekk għandek xi suspett li l-iskartoċċ għandu xi ħsara ħudu lura għand il-fornitur tiegħek. Ara l-manwal tal-pinna għal aktar istruzzjonijiet.
- Għal kull injezzjoni dejjem uża labra ġdida sabiex tevita l-kontaminazzjoni.
- Il-labar u Protaphane Penfill m'għandhomx jinqas ma' ħaddieħor.
- Protaphane Penfill huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda bl-użu ta' pinna li tista' terġa' tintuża. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek:

- Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- Jekk inti marid, kompli hu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet ta' l-injezzjonijiet tiegħek.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iż-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidiabetiċi l-oħra tiegħek.

Mediċini oħra u Protaphane

Għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra.

Xi mediċini jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tal-insulina tiegħek ikollha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw il-kura tiegħek bl-insulina.

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:

- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-eżima li tikkonverti anġiotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġiħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulfonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:

- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides (użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)

- Glukokortikoidi (bħal “cortisone” użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde (użati fil-kura ta’ disturb fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi (bħal epinephrine [adrenaline], salbutamol jew terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- L-ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f’adulti ta’ mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta’ twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta’ zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)

Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta’ żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta’ puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta’ insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b’xi sinjali ta’ insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta’ nifs mhux tas-soltu jew żieda ta’ malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

Protaphane mal-alkoħol

- Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista’ tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista’ jitla’ jew jinżel. Huwa rrakkomandat monitoraġġ tajjeb.

Tqala u Tredidigh

- Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Protaphane jista’ jintuża waqt it-tqala. Jista’ jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta’ l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b’mod partikulari l-prevenzjoni ta’ l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
- M’hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b’Protaphane waqt it-tredidigh.

Waqt li inti tqila jew qiegħda tredda’, itlob il-parir tat-tabib, tal-ispiżjar jew tal-infermier tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta’ magni

- Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta’ spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iz-zokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġixxi jistgħu jiġu affettwati u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f’moħħok li tista’ tkun ta’ periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

Protaphane fih sodium

Protaphane fih inqas minn mmol 1 ta’ sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li Protaphane huwa ‘bla sodium’.

3. Kif għandek tuża Protaphane

Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddillek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

Użu fit-tfal u fl-adolessenti

Protaphane jista' jintuża fit-tfal u fl-adolessenti.

Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliwi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni

Protaphane jingħata permezz ta' injezzjoni minn taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). Protaphane Penfill huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda bl-użu ta' pinna li tista' terġa' tintuża. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża. Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew li l-ġilda titthaffer, ara sezzjoni 4. L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); fil-patata; il-parti ta' quddiem ta' kuxxejk jew il-parti ta' fuq ta' dirgħajk. L-insulina taħdem aktar malajr jekk tinjetta fil-qadd (iż-żaqq). Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.


- ▶ Terġax timla l-iskartoċċ. Ladarba jiżvojta, għandu jintrema.
- ▶ L-iskrataċ ta' Protaphane Penfill huma magħmula biex jintużaw mas-sistemi tal-ġhoti tal-insulina Novo Nordisk u mal-labar NovoFine jew NovoTwist.
- ▶ Jekk qed/a tiġi kkurat/a b'Protaphane Penfill u skartoċċ Penfill ta' insulina oħra, għandek tuża żewġ sistemi tal-ġhoti tal-insulina, waħda għal kull tip ta' insulina.
- ▶ Dejjem żomm fuqek skartoċċ żejjed ta' Penfill fil-każ li dak li qed/a tuża jintilef jew jiġrilu l-ħsara.

Kif terġa' tagħmel l-Protaphane f'suspensjoni

Dejjem iċċekkja li jkun fadal biżżejjed insulina (mill-anqas 12-il unità) fl-iskartoċċ biex tippermetti li terġa' ssir suspensjoni mill-ġdid b'mod uniformi. Jekk ma jkunx fadal biżżejjed insulina, uża wieħed ġdid. Ara l-manwal tal-pinna għal aktar taġħrif.

- ▶ **Kull darba li tuża Protaphane Penfill** ġdid (qabel ma tqiegħed l-iskartoċċ fis-sistema tal-ġhoti tal-insulina).
- Qabel ma tużaha, ħalli l-insulina tilħaq it-temperatura tal-kamra. Dan jagħmilha aktar faċli biex terġa' ssir is-suspensjoni mill-ġdid.
- Ċaqlaq l-iskartoċċ 'il fuq u 'l isfel bejn il-pożizzjonijiet **a** u **b** u lura (ara l-istampa) biex b'hekk il-boċċa tal-ħġieġ tiċċaqlaq minn tarf għall-ieħor ta' l-iskartoċċ għal mill-anqas 20 darba.
- Irrepeti dan il-moviment mill-anqas 10 darbiet qabel kull injezzjoni.

- Dan il-moviment għandu dejjem ikun ripetut sakemm il-likwidu jidher abjad u opak b'mod uniformi.
- Wettaq l-istadji l-oħrajn ta' injezzjoni mingħajr telf ta' żmien.



Kif tinjetta Protaphane

- Injetta l-insulina taħt il-ġilda. Uża t-teknika ta' l-injezzjoni kif tak parir it-tabib jew l-infermier/a tiegħek u li huwa deskritt fil-manwal tal-pinna.
- Żomm il-labra taħt il-ġilda tiegħek għal mill-anqas 6 sekondi. Żomm il-buttuna tal-injezzjoni magħfusa kollha 'l ġewwa sakemm il-labra tinħareġ mill-ġilda. Dan se jaċċerta li t-teħid sar kif suppost u tnaqqas il-possibbiltà li jkun hemm xi fluss ta' demm fil-labra jew fil-kontenitur tal-insulina.
- Wara kull injezzjoni aċċerta ruħek li tneħħi u tarmi l-labra u li taħżen Protaphane mingħajr ma l-labra tkun imwahnha. Inkella, il-likwidu jista' jnixxi u tista' tkun il-kawża li tittieħed doża żbaljata.

Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:

- Tinjetta wisq insulina
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla

- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol, ara Protaphane mal-alkoħol f'sezzjoni 2

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: Għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġigħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożità jew roġħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demmm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demmm ma jiġix ikkurat, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demmm:

- Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demmm, hu pilloli tal-glukosju jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli, iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demmm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demmm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell tal-glukosju fid-demmm tiegħek ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina bħas-soltu.
- Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demmm li jagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demmm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil daww il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi, inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demmm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuma medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax tista' tifga.

Reazzjonijiet allerġiċi serji għal Protaphane jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Fittex parir mediku minnufih:

- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxtardu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.
- Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdozi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li hixienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

Lista ta' effetti sekondarji oħra

Effetti sekondarji mhux komuni

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100.

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġigħ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrox jew jekk jinxtardu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellek lit-tabib

tiegħek minnufih. Ara wkoll aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Retinopatija dijabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Newropatija bl-uġigħ (uġigħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb malajr ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġigħ u normalment hija tranżitorja.

Effetti sekondarji rari ħafna

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Problemi ta' vista: Fil-bidu li tibda l-kura tiegħek bl-insulina, jista' jkollok xi problemi bil-vista iżda ħafna drabi dan id-disturb huwa temporanju.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f'[Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

Effetti tad-dijabete

Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:

- Ma injettajttx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:

Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi nghan jew ghajjen; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:

- ▶ Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq: ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ▶ Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdzied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iż-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

5. Kif taħżen Protaphane

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza, li tidher fuq it-tikketta tal-iskartoċ u l-kaxxa wara

‘JIS’. Id-data ta’ skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta’ dak ix-xahar.

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ f’temperatura ta’ 2°C – 8°C. Żomm ’il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

Wagt l-użu jew meta jinġarr għal li jista’ jinqala’: Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża. Tista’ ġgħorru miegħek u żżommu f’temperatura ta’ kamra (taħt 30°C) sa mhux iżjed minn 6 ġimgħat.

Meta ma tkunx qed/a tużah, dejjem żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta’ barra sabiex tilqa’ mid-dawl.

Armi l-labra wara kull injezzjoni.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m’għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X’fih Protaphane

- Is-sustanza attiva hi insulina umana. Protaphane huwa suspensjoni ta’ insulina umana isophane (NPH) Kull millilitru fih 100 UI ta’ insulina umana. Kull skartoċċ fih 300 UI ta’ insulin umana f’3 ml ta’ suspensjoni għall-injezzjoni.
- Is-sustanzi l-oħra huma zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide, hydrochloric acid, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet.

Kif jidher Protaphane u l-kontenut tal-pakkett:

Issib Protaphane bħala suspensjoni għall-injezzjoni. Wara li terġa’ tagħmel is-suspensjoni mill-ġdid il-likwidu għandu jidher abjad u opak b’mod uniformi.

Daqsijiet ta’ pakketti ta’ 1, 5 jew 10 skrataċ 3 ml. Jista’ jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-suspensjoni hija akweja, bajda u opaka.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u Manifattur

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

Manifattur

Il-manifattur jista’ jiġi identifikat permezz tan-numru tal-lott ipprintjat fuq l-istrixxa tal-kartun u fuq it-tikketta:

- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma S6, P5, K7, R7, VG, FG jew ZF, il-manifattur huwa Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka
- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma H7 jew T6, il-manifattur huwa Novo Nordisk Production SAS, 45 Avenue d’Orléans F-28000 Chartres, Franza.

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f’

Sorsi oħra ta’ informazzjoni

Informazzjoni ddettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

Protaphane InnoLet 100 UI/ml (unità internazzjonali/ml) suspensjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest insulina umana

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhum Protaphane u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane
3. Kif għandek tuża Protaphane
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Protaphane
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhum Protaphane u għalxiex jintuża

Protaphane hu insulina umana li jibda jaħdem bil-mod u li jaħdem fit-tul.

Protaphane jintuża biex inaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm f'pazjenti bid-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Il-kura b'Protaphane tgħin biex tippreveni kumplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

.Protaphane jibda jbaxxilek il-livell taz-zokkor fid-demm madwar siegħa u nofs wara li tinjettah u l-effett idum għal madwar 24 siegħa. Ħafna drabi Protaphane jingħata flimkien ma' preparazzjonijiet tal-insulina li jaħdmu b'mod malajr.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane

Tużax Protaphane

- Jekk inti allerġiku/a għall-insulina umana jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina, ara sezzjoni 6.
- Jekk qiegħed/qegħda tissuspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm), ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.
- F'pompi tal-infużjoni tal-insulina
- Jekk l-InnoLet titwaqqa', jiġrilha l-ħsara jew titgħaffeġ.
- Jekk ma jkunx ġie maħżun tajjeb jew ikun ġie ffriżat, ara sezzjoni 5.
- Jekk l-insulina li reġgħet għet magħmula f'suspensjoni ma tidhirx bajda u opaka b'mod uniformi.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax Protaphane. Tkellem mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek għal parir.

Qabel ma tuża Protaphane

- ▶ Iċċekkja t-tiketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina.
- ▶ Għal kull injezzjoni dejjem uża labra ġdida sabiex tevita l-kontaminazzjoni.
- ▶ Il-labar u Protaphane InnoLet m'għandhomx jinqas ma' ħaddieħor.
- ▶ Protaphane InnoLet huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek:

- ▶ Jekk għandek problemi tal-kliwi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- ▶ Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- ▶ Jekk inti marid, kompli hu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- ▶ Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet ta' l-injezzjonijiet tiegħek.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iż-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

Mediċini oħra u Protaphane

Għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra.

Xi mediċini jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tal-insulina tiegħek ikollha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw il-kura tiegħek bl-insulina.

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:

- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġiġħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulfonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:

- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides (użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde (użati fil-kura ta' disturbi fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi (bħal epinephrine [adrenaline], salbutamol jew terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- L-ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)

- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta' zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)

Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi neġha lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

Protaphane mal-alkoħol

- Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel. Huwa rrakkomandat monitoraġġ tajjeb.

Tqala u Tredidigh

- Jekk inti tqila, taħseb li tista' tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Protaphane jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
- M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'Protaphane waqt it-tredidigh.

Waqt li inti tqila jew qiegħda tredda', itlob il-parir tat-tabib, tal-ispiżjar jew tal-infermier tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

- Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
 - Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
 - Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iz-zokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġixxi jistgħu jiġu affettwati u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

Protaphane fih sodium

Protaphane fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista' tgħid li Protaphane huwa 'bla sodium'.

3. Kif għandek tuża Protaphane

Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddillek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

Użu fit-tfal u fl-adolessenti

Protaphane jista' jintuża fit-tfal u fl-adolessenti.

Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliwi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni

Protaphane jingħata permezz ta' injezzjoni minn taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). Protaphane InnoLet huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża. Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew li l-ġilda titthaffer, ara sezzjoni 4. L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); fil-patata; il-parti ta' quddiem ta' kuxxejk jew il-parti ta' fuq ta' dirġhajk. L-insulina taħdem aktar malajr jekk tinjetta fil-qadd (iż-żaqq). Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

Kif timmaniġġja Protaphane InnoLet

Protaphane InnoLet hija pinna mimlija għal-lest li tintuża darba biss u li fiha insulina umana bħala isophane (NPH).

Aqra sew l-Istruzzjoni dwar kif tuża Protaphane InnoLet inkluż ma' dan il-fuljett ta' tagħrif. Għandek tuża l-pinna kif deskritt fl-Istruzzjonijiet dwar kif tuża Protaphane InnoLet.

Dejjem aċċerta ruħek li qed/a tuża l-pinna korretta qabel ma tagħmel l-injezzjoni tiegħek tal-insulina.

Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

4. Effetti sekundarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekundarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

Sommarju ta' effetti sekundarji serji u komuni ħafna

Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) huwa effett sekundarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:

- Tinjetta wisq insulina.
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla.
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu.
- Tixrob l-alkoħol, ara Protaphane mal-alkoħol f'sezzjoni 2.

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: Għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġiġħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożità jew roġha; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm għal tul ta' żmien ma jiġix ikkurat, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat għewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:

- Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, hu pilloli tal-glukosju jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli, iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell tal-glukosju fid-demm tiegħek ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina bħas-soltu.
- Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li jagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi, inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuma medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax tista' tifga.

Reazzjoni allerġika serji għal Protaphane jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekundarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Fittex parir mediku minnufih:

- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.
- Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100).

Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdozi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb hekk jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

Lista ta' effetti sekondarji oħra

Effetti sekondarji mhux komuni

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġiġ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellew lit-tabib tiegħek minnufih. Ara aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Retinopatija dijabetika (mard tal-ġhajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb malajr hekk, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellew mat-tabib tiegħek.

Effetti sekondarji rari hekk

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Problemi ta' vista: Fil-bidu li tibda l-kura tiegħek bl-insulina, jista' jkollok xi problemi bil-vista iżda hekk drabi dan id-disturb huwa temporanju.

Newropatija bl-uġiġ (uġiġ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb malajr hekk, jista' jkollok uġiġ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġiġ u normalment hija tranżitorja.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellew lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f'[Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

Effetti tad-dijabete

Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:

- Ma injettajt biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:

Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi nġhas jew għajjen; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:

- ▶ Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq: ittestja l-livell taz-zokkor fid-demmi tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ▶ Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiġdied l-ammont ta' aċtu fid-demmi peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iż-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

5. Kif taħżen Protaphane

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza, li tidher fuq it-tikketta ta' InnoLet u l-kaxxa wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xaħar.

Qabel ma jinfetħ: Aħżen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C – 8°C. Żomm 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża. Tista' ġgħorru miegħek u żżommu f'temperatura ta' kamra (taħt 30°C) sa mhux iżjed minn 6 ġimgħat.

Dejjem żomm il-kappa tal-pinna fuq l-InnoLet meta ma tkunx qed/a tużaha, sabiex tilqa' mid-dawl.

Armi l-labra wara kull injezzjoni.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Protaphane

- Is-sustanza attiva hi insulina umana. Protaphane huwa suspensjoni ta' insulina umana isophane (NPH) Kull millilitru fih 100 UI ta' insulina umana. Kull pinna mimlija għal-lest fiha 300 UI ta' insulin umana f'3 ml ta' suspensjoni għall-injezzjoni.
- Is-sustanzi l-oħra huma zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide, hydrochloric acid, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet.

Kif jidher Protaphane u l-kontenut tal-pakkett:

Issib Protaphane bħala suspensjoni għall-injezzjoni. Wara li terġa' tagħmel is-suspensjoni mill-ġdid il-likwidu għandu jidher abjad u opak b'mod uniformi.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1, 5 u 10 pinen mimlijin għal-lest ta' 3 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-suspensjoni hija akweja, bajda u opaka.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u Manifattur

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi

Sorsi oħra ta' informazzjoni

Informazzjoni ddettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea

għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>


Issa aqleb fuq in-naħa ta' wara għal tagħrif dwar kif għandek tuża l-InnoLet tiegħek.

Istruzzjonijiet dwar kif tuża Protaphane suspensjoni għall-injezzjoni f'InnoLet

Aqra dawn l-istruzzjonijiet sew qabel ma tuża l-Protaphane InnoLet tiegħek. Jekk ma ssegwix sew l-istruzzjonijiet, tista' tieħu ftit wisq insulina jew tieħu insulina żejda, li jista' jwassal għal livell għoli wisq jew baxx wisq ta' zokkor fid-demm.

L-InnoLet tiegħek hija pinna mimlija għal-lest sempliċi u kompatta li tista' tagħti dożi minn unità 1 sa 50 unità f'żidiet ta' unità 1.

L-InnoLet hija magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. Bħala prekawzjoni, dejjem ġorr apparat żejjed għall-għoti tal-insulina fil-każ li l-InnoLet tiegħek tintilef jew tiġrilha l-ħsara.



Kif tibda

Iċċekkja l-isem u t-tikketta kkulurita tal-InnoLet tiegħek biex taċċerta ruħek li hija fiha t-tip ta' insulina li suppost. Dan huwa importanti b'mod speċjali jekk inti tieħu aktar minn tip wieħed ta' insulina. Jekk inti tieħu t-tip ta' insulina żbaljata, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq. Neħħi l-għatu tal-pinna.


Is-suspensjoni mill-ġdid tal-insulina tkun eħfef meta l-insulina tkun laħqet temperatura ambjentali.

Kif tagħmel is-suspensjoni mill-ġdid tal-insulina

Qabel kull injezzjoni:


- **Iċċekkja li jkun fadal mill-anqas 12-il unità** ta' insulina fl-iskartoċċ biex tippermetti li s-suspensjoni mill-ġdid tiġi magħmula b'mod uniformi. Jekk ikun baqa' inqas minn 12-il unità, uża InnoLet ġdida.
- **Ċaqlaq il-pinna 'l fuq u 'l isfel** bejn il-pożizzjonijiet A u B u lura biex b'hekk il-boċċa tal-ħġieġ tiċċaqlaq minn tarf għall-ieħor tal-iskartoċċ (stampa **1A**) għal mill-anqas 20 darba. Irrepeti dan il-moviment għal mill-anqas 10 darbiet qabel kull injezzjoni. Dan il-moviment għandu dejjem ikun ripetut sakemm il-likwidu jidher abjad u opak b'mod uniformi
- Dejjem aċċerta ruħek li inti tkun għamilt is-suspensjoni mill-ġdid tal-insulina qabel kull injezzjoni. Jekk inti ma tagħmilx is-suspensjoni mill-ġdid tal-insulina, dan jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li tista' twassal għal livell taz-zokkor li jkun għoli wisq jew baxx wisq.

Wara li tkun erġajt għamilt is-suspensjoni mill-ġdid, wettaq l-istadji kollha tal-injezzjoni li ġejjin bla dewmien.



Kif twaħħal il-labra

- **Dejjem uża labra ġdida** għal kull injezzjoni. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta' insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.
- Oqgħod attent/a biex ma tgħawwiġx jew tagħmel ħsara 'l-labra qabel l-użu.
- **Neħħi s-siġill tal-karti** minn ma' labra ġdida li tintrema wara li tintuża.
- **Waħħal il-labra dritta u soda** fuq l-InnoLet tiegħek billi tissikka l-kamin (stampa **1B**).
- **Neħħi l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra u l-għatu ta' ġewwa tal-labra.** Jista' jkun li tkun trid taħżen l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra fil-kompartiment.
Qatt m'għandek tipprova tpoġġi l-għatu ta' ġewwa tal-labra lura fuq il-labra. Tista' titniggeż bil-labra.



Preparazzjoni biex tneħħi l-arja qabel kull injezzjoni


Ammonti żgħir ta' arja jistgħu jinġemgħu ġol-labra u ġol-iskartoċċ waqt l-użu normali.

Biex tevita l-injezzjoni tal-arja u taċċerta li tingħata d-doża korretta:

- **Isselezzjona 2 unitajiet** billi ddawwar is-selettur tad-doża lejn il-lemin.
- **Żomm l-InnoLet tiegħek bil-labra tipponta 'l fuq u b'sebgħek tektek bil-mod l-iskartoċċ** għal xi ftit drabi (stampa **1C**), biex jekk ikun hemm xi bżieċaq tal-arja dawn jinġabru fin-naħa ta' fuq tal-iskartoċċ.
- **Filwaqt li żżomm il-labra 'l fuq, agħfas il-buttuna tal-injezzjoni** u s-selettur tad-doża jirritorna fuq iż-0.
- **Dejjem aċċerta ruħek li tidher qatra fit-tarf tal-labra** qabel l-injezzjoni (stampa **1C**). Dan jaċċerta li l-insulina ħierġa. Jekk dan ma jseħx, ibdel il-labra u rrepeti l-proċedura mhux aktar minn 6 darbiet.

Jekk il-qatra tal-insulina tibqa' ma titfaċċax, l-apparat hu difettuż u m'għandux jintuża.

- Jekk ma tidher l-ebda qatra, inti m'inti se tinjetta l-ebda insulina, anke jekk is-selettur tad-doża forsi jiċċaqlaq. Dan jista' jindika li l-labra hija misduda jew fiha ħsara.
- Dejjem ħejji InnoLet għall-użu qabel ma inti tinjetta. Jekk ma tħejjix InnoLet għall-użu, inti tista' tieħu ftit wisq jew ma tieħu l-ebda insulina. Dan jista' jwassal għal livell għoli wisq ta' zokkor fid-demm.




Kif tissettja d-doża

- Dejjem iċċekkja li l-buttuna tal-injezzjoni tkun magħfusa 'l isfel għal kollox u li s-selettur tad-doża jkun issettjat fuq iż-0.
- Isselezzjona n-numru ta' unitajiet li jkollok bżonn billi ddawwar is-selettur tad-doża lejn il-lemin (stampa 2).
- **Għandek tisma' klikk għal kull unità li tisselezzjona.** Id-doża tista' tkun irregolata billi ddawwar is-selettur tad-doża naħa jew oħra. Qis li ma ddawwarx is-selettur tad-doża jew tikkoreġi d-doża meta l-labra tkun fil-ġilda. Dan jista' jwassal għal għoti ta' doża mhux preċiża li jista' jikkawża li l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun għoli wisq jew baxx wisq.

Dejjem uża l-iskala tad-doża u s-selettur tad-doża biex tara kemm-il unità għażilt qabel tinjetta l-insulina. Tgħoddx il-klikks li tagħmel il-pinna. Jekk tagħżel u tinjetta d-doża l-ħażina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq. Tużax l-iskala ta' residwu, din turi biss bejn wiehded u ieħor kemm għad fadal insulina fil-pinna tiegħek.


Ma tistax tissettja doża akbar min-numru ta' unitajiet li jkun fadal fl-iskartoċċ.



Kif tinjetta l-insulina


- **Daħħal il-labra fil-ġilda.** Uża t-teknika tal-injezzjoni kif tak parir it-tabib tiegħek. **Agħti d-doża billi tagħfas il-buttuna tal-injezzjoni 'l isfel kemm tista' (stampa 3).** Għandek tisma' l-klikks hekk kif is-selettur tad-doża jmur lura fuq iż-0.

- **Wara l-injezzjoni, il-labra għandha tinżamm taħt il-ġilda għal mill-anqas 6 sekondi** biex tiżgura li d-doża kollha tkun ingħatat.
- **Kun żgur li ma timblukkax is-selettur tad-doża waqt li tkun qed/a tinjetta**, għax is-selettur tad-doża jrid jitħalla jmur lura fuq iż-0 meta tagħfas il-buttuna tal-injezzjoni. Dejjem aċċerta ruħek li s-selettur tad-doża jerġa' lura għal 0 wara l-injezzjoni. Jekk is-selettur tad-doża jieqaf qabel jerġa' lura għal 0, ma tkunx ingħatat id-doża sħiħa, li jista' jwassal għal livell għoli wisq ta' zokkor fid-demm.
- Armi l-labra wara kull injezzjoni.



Kif tneħħi l-labra

- **Erga' poġġi f'postu l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra u ħoll il-labra (stampa 4). Armiha bl-attenzjoni.**
- Erga' poġġi l-għatu tal-pinna lura fuq l-InnoLet tiegħek biex tiproteġi l-insulina mid-dawl.



Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni.

Dejjem neħħi u armi l-labra wara kull injezzjoni u aħżen l-InnoLet tiegħek mingħajr il-labra mwaħħla. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta' insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.

Aktar informazzjoni importanti

Persuni li jieħdu ħsieb persuni oħra għandhom joqgħodu attenti ħafna meta jmissu labar użati – biex inaqqsu r-riskju li jitniggżu bil-labar u li jieħdu xi infezzjoni minnhom.

Armi l-InnoLet użata b'attenzjoni mingħajr labra imwaħħla.

Qatt m'għandek issellef il-pinna jew il-labar tiegħek lil persuni oħra. Tista' ttihom jew jagħtuk infezzjoni.

Qatt m'għandek issellef il-pinna lil persuni oħra. Il-mediċina tiegħek tista' tkun ta' ħsara għal saħħithom.

Dejjem żomm l-InnoLet u l-labar tiegħek fejn ma' jidhrux u ma jintlaħqux minn ħaddieħor, speċjalment mit-tfal.

Kif għandek tiegħu ħsieb il-pinna tiegħek

L-InnoLet tiegħek hi magħmula biex taħdem bi preċiżjoni u bla periklu. Għandha tkun immaniġġjata b'attenzjoni. Jekk taqa', jiġrilha ħsara jew titgħaffeġ, hemm ir-riskju li toħroġ l-insulina. Dan jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li jista' jwassal biex il-livell taz-zokkor fid-demm jkun għoli wisq jew baxx wisq.

Tista' tnaddaf l-InnoLet tiegħek billi timsaħha b'tajjara b'diżinfettant. M'għandekx ixxarrabha, taħsilha jew tillubrikaha. Dan jista' jagħmel ħsara lill-mekkaniżmu u jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li jista' jwassal biex il-livell taz-zokkor fid-demm jkun għoli wisq jew baxx wisq.

Timliex l-InnoLet tiegħek mill-ġdid. Ladarba tiżvojta, għandha tintrema.

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

Protaphane FlexPen 100 UI/ml (unità internazzjonali/ml) suspensjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest insulina umana

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhu Protaphane u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane
3. Kif għandek tuża Protaphane
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Protaphane
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhu Protaphane u għalxiex jintuża

Protaphane hu insulina umana li jibda jaħdem bil-mod u li jaħdem fit-tul.

Protaphane jintuża biex inaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm f'pazjenti bid-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Il-kura b'Protaphane tgħin biex tippreveni kumplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

Protaphane jibda jibaxxilek il-livell taz-zokkor fid-demm madwar siegħa u nofs wara li tinjettah u l-effett idum għal madwar 24 siegħa. Ħafna drabi Protaphane jingħata flimkien ma' preparazzjonijiet tal-insulina li jaħdmu b'mod malajr.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Protaphane

Tużax Protaphane

- Jekk inti allerġiku/a għall-insulina umana jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina, ara sezzjoni 6.
- Jekk qiegħed/qegħda tissuspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm), ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.
- F'pompi tal-infużjoni tal-insulina.
- Jekk il-FlexPen titwaqqa', jiġrilha l-ħsara jew titgħaffegħ.
- Jekk ma jkunx ġie maħżun tajjeb jew ikun ġie ffriżat, ara sezzjoni 5.
- Jekk l-insulina li reġgħet għet magħmula f'suspensjoni ma tidhirx bajda u opaka b'mod uniformi.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax Protaphane. Tkellem mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek għal parir.

Qabel ma tuża Protaphane

- ▶ Iċċekkja t-tiketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina.
- ▶ Għal kull injezzjoni dejjem uża labra ġdida sabiex tevita l-kontaminazzjoni.
- ▶ Il-labar u Protaphane FlexPen m'għandhomx jinqas ma' ħaddieħor.
- ▶ Protaphane FlexPen huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek:

- ▶ Jekk għandek problemi tal-kliwi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- ▶ Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- ▶ Jekk inti marid, kompli hu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- ▶ Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet ta' l-injezzjonijiet tiegħek.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iż-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

Mediċini oħra u Protaphane

Għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra.

Xi mediċini jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tal-insulina tiegħek ikollha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw il-kura tiegħek bl-insulina.

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:

- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-eżzima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġiġħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulfonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:

- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides (użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde (użati fil-kura ta' disturbi fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi (bħal epinephrine [adrenaline], salbutamol jew terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- L-ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)

- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta' zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)

Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi neġha lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

Protaphane mal-alkoħol

- Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel. Huwa rrakkomandat monitoraġġ tajjeb.

Tqala u Treddigħ

- Jekk inti tqila, taħseb li tista' tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Protaphane jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
- M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'Protaphane waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħda tredda', itlob il-parir tat-tabib, tal-ispiżjar jew tal-infermier tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

- Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
 - Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
 - Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iz-zokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġixxi jistgħu jiġu affettwati u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

Protaphane fih sodium

Protaphane fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista' tgħid li Protaphane huwa 'bla sodium'.

3. Kif għandek tuża Protaphane

Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddillek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

Użu fit-tfal u fl-adolessenti

Protaphane jista' jintuża fit-tfal u fl-adolessenti.

Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni

Protaphane jingħata permezz ta' injezzjoni minn taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). Protaphane FlexPen huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża. Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew li l-ġilda titthaffer, ara sezzjoni 4. L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); fil-patata; il-parti ta' quddiem ta' kuxxejk jew il-parti ta' fuq ta' dirgħajk. L-insulina taħdem aktar malajr jekk tinjetta fil-qadd (iż-żaqq). Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

Kif timmaniġġja Protaphane FlexPen

Protaphane FlexPen hija pinna mimlija għal-lest li tintuża darba biss u li fiha insulina umana bħala isophane (NPH).

Aqra sew l-Istruzzjoni dwar kif tuża Protaphane FlexPen inkluż ma' dan il-fuljett ta' tagħrif. Għandek tuża l-pinna kif deskritt fl-Istruzzjonijiet dwar kif tuża Protaphane FlexPen.

Dejjem aċċerta ruħek li qed/a tuża l-pinna korretta qabel ma tagħmel l-injezzjoni tiegħek tal-insulina.

Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:

- Tinjetta wisq insulina.
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla.
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu.
- Tixrob l-alkoħol, ara Protaphane mal-alkoħol f'sezzjoni 2.

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: Għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġiġħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożità jew roġha; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm għal tul ta' żmien ma jiġix ikkurat, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat għewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:

- Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, hu pilloli tal-glukosju jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli, iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell tal-glukosju fid-demm tiegħek ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina bħas-soltu.
- Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li jagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi, inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax tista' tifga.

Reazzjoni allerġika serji għal Protaphane jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Fittex parir mediku minnufih:

- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.
- Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħkien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100).

Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdozi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb hekk jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

Lista ta' effetti sekondarji oħra

Effetti sekondarji mhux komuni

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġiġ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbengi, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellew lit-tabib tiegħek minnufih. Ara wkoll aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Retinopatija dijabetika (mard tal-ġajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jittjieb malajr hekk, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellew mat-tabib tiegħek.

Effetti sekondarji rari hekk

Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 10,000.

Problemi ta' vista: Fil-bidu li tibda l-kura tiegħek bl-insulina, jista' jkollok xi problemi bil-vista iżda hekk drabi dan id-disturb huwa temporanju.

Newropatija bl-uġiġ (uġiġ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jittjieb malajr hekk, jista' jkollok uġiġ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġiġ u normalment hija tranżitorja.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellew lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f'[Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

Effetti tad-dijabete

Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:

- Ma injettajt biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:

Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi nġas jew għajjen; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:

- Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq: ittestja l-livell taz-zokkor fid-demmi tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demmi peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iż-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

5. Kif taħżen Protaphane

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza, li tidher fuq it-tikketta ta' FlexPen u l-kaxxa wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xaħar.

Qabel ma jinfetħ: Aħżen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C – 8°C. Żomm 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża. Tista' ġgħorru miegħek u żżommu f'temperatura ta' kamra (taħt 30°C) sa mhux iżjed minn 6 ġimgħat.

Dejjem żomm il-kappa tal-pinna fuq il-FlexPen meta ma tkunx qed/a tużaha, sabiex tilqa' mid-dawl.

Armi l-labra wara kull injezzjoni.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Protaphane

- Is-sustanza attiva hi insulina umana. Protaphane huwa suspensjoni ta' insulina umana isophane (NPH) Kull millilitru fih 100 UI ta' insulina umana. Kull pinna mimlija għal-lest fiha 300 UI ta' insulin umana f'3 ml ta' suspensjoni għall-injezzjoni.
- Is-sustanzi l-oħra huma zinc chloride, glycerol, metacresol, phenol, disodium phosphate dihydrate, sodium hydroxide, hydrochloric acid, protamine sulfate u ilma għall-injezzjonijiet.

Kif jidher Protaphane u l-kontenut tal-pakkett:

Issib Protaphane bħala suspensjoni għall-injezzjoni. Wara li terġa' tagħmel is-suspensjoni mill-ġdid il-likwidu għandu jidher abjad u opak b'mod uniformi.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1, 5 u 10 pinen mimlijin għal-lest ta' 3 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-suspensjoni hija akweja, bajda u opaka.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u Manifattur

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

Manifattur

Il-manifattur jista' jiġi identifikat permezz tan-numru tal-lott ipprintjat fuq il-kartuna u fuq it-tikketta:

- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma S6, P5, K7, R7, VG, FG jew ZF, il-manifattur huwa Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka.

Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma H7 jew T6, il-manifattur huwa Novo Nordisk Production SAS, 45, Avenue d'Orléans, F-28000 Chartres, Franza.

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi

Sorsi oħra ta' informazzjoni


Informazzjoni ddettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>

Issa aqleb fuq in-naħa ta' wara għal tagħrif dwar kif għandek tuża l-FlexPen tiegħek.

Istruzzjonijiet dwar kif tuża s-suspensjoni għall-injezzjoni Protaphane fil-FlexPen

Aqra sew l-istruzzjonijiet li ġejjin qabel ma tuża l-Protaphane FlexPen tiegħek. Jekk ma ssegwix sew l-istruzzjonijiet, jista' jkun li inti tieħu ftit wisq insulina jew tieħu insulina żejda, li jista' jwassal għal livell għoli wisq jew baxx wisq ta' zokkor fid-demm.

Il-FlexPen tiegħek hija pinna tal-insulina mimlija għal-lest tat-tip isselezzjona-doża. Tista' tisselezzjona dożi minn unità 1 sa 60 unità f'inkrementi ta' unità 1. Il-FlexPen hi magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. Bħala prekawzjoni, dejjem ġorr apparat żejjed li jkun jista' jagħti l-insulina, fil-każ li l-FlexPen tiegħek tintilef jew jiġrilha l-ħsara.



Kif għadek tieħu ħsieb il-pinna tiegħek

Il-FlexPen għandha tinżamm u tinġarr b'attenzjoni.

Jekk taqa', jiġrilha ħsara jew titgħaffeġ, hemm ir-riskju li toħroġ l-insulina. Dan jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li jista' jwassal biex il-livell taz-zokkor fid-demm jkun għoli wisq jew baxx wisq.

Tista' tnaddaf il-parti ta' barra tal-FlexPen tiegħek billi timsaħha b'tajjara b'diżinfettant. M'għandekx ixxarrabha, taħsilha jew tillubrikaha għax dan jista' jagħmel ħsara lill-pinna.

Timliex il-FlexPen tiegħek mill-ġdid. Ladarba tiżvojta, għandha tintrema.

Kif tipprepara l-Protaphane FlexPen tiegħek


A

Iċċekkja l-isem u t-tikketta kkulurita tal-pinna tiegħek biex taċċerta ruħek li hija fiha t-tip ta' insulina li suppost. Dan huwa importanti b'mod speċjali jekk inti tieħu aktar minn tip wieħed ta' insulina. Jekk inti tieħu t-tip ta' insulina żbaljata, il-livell taz-zokkor fid-demm jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq.

Kull darba li tuża pinna ġdida

Ħalli l-insulina tilhaq it-temperatura ambjentali qabel ma tużaha.

B'hekk ikun iktar faċli li terġa' tiġi magħmula f'suspensjoni. Neħħi l-għatu tal-pinna (ara A).




B

Qabel l-ewwel injezzjoni tiegħek bi FlexPen ġdida, inti għandek tagħmel suspensjoni mill-ġdid tal-insulina:

Kif muri, ċaqlaq il-pinna 'l fuq u 'l isfel għal għoxrin darba bejn iż-żewġ pożizzjonijiet, biex b'hekk il-ballun tal-ħġieġ jiċċaqlaq minn tarf għall-ieħor tal-iskartoċċ. Irrepeti sakemm il-likwidu jidher abjad u opak b'mod uniformi.

Għal kull injezzjoni sussegwenti, ċaqlaq il-pinna 'l fuq u 'l isfel għal mill-anqas 10 darbiet bejn iż-żewġ pożizzjonijiet sakemm il-likwidu jidher abjad u opak b'mod uniformi.

Dejjem għandek taċċerta ruġek li inti tkun għamilt l-insulina f'suspensjoni mill-ġdid qabel kull injezzjoni. Dan inaqqas ir-riskju ta' livell għoli wisq jew baxx wisq ta' zokkor fid-demm. Wara li tkun għamilt l-insulina f'suspensjoni mill-ġdid, wettaq l-istadji kollha tal-injezzjoni li ġejjin bla dewmien



- ▲ Dejjem iċċekkja li jkun fadal mill-anqas 12-il unità ta' insulina fl-iskartoċċ biex tippermetti li terġa' ssir is-suspensjoni. Jekk ikun baqa' inqas minn 12-il unità, uża FlexPen ġdida. 12-il unità huma mmarkati fuq l-iskala ta' residwu. Ara l-istampa l-kbira fil-bidu ta' dawn l-istruzzjonijiet.
- ▲ Tużax il-pinna jekk l-insulina li tkun **reġġhet ġiet magħmula f'suspensjoni** ma tidhirx **bajda u opaka b'mod uniformi**.

Kif twaħħal il-labra

C

Neħħi s-siġill tal-karti minn ma' labra ġdida li tintrema wara li tintuża.

Waħħal il-labra dritta u soda fuq il-FlexPen tiegħek billi tissikka l-kamin.



D

Neħħi l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra u żommu għal wara.



E

Neħħi l-għatu ta' ġewwa tal-labra u armih.

Qatt m'għandek tipprova tqiegħed l-għatu ta' ġewwa tal-labra lura fuq il-labra. Tista' titniggeż bil-labra.



- ⚠ Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta' insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.
- ⚠ Oqgħod attent/a li ma tgħawwiġx jew tagħmel xi ħsara lil-labra qabel l-użu.

Kif teżamina l-fluss tal-insulina

F

Qabel kull injezzjoni waqt l-użu normali, jistgħu jinġemgħu ammonti żgħir ta' arja ġol-iskartoċċ. Biex tevita l-injezzjoni tal-arja u tiżgura dożaġġ korrett:

Dawwar is-selettur tad-doża sabiex tisselezzjona 2 unitajiet.



G

Żomm il-FlexPen tiegħek bil-labra tipponta 'l fuq u b'sebgħek tektek bil-mod l-iskartoċċ għal xi ftit drabi, biex jekk ikun hemm xi bżieżaq tal-arja dawn jinġabru fin-naħa ta' fuq tal-iskartoċċ



H

Filwaqt li żżomm il-labra 'l fuq, agħfas il-buttuna tal-injezzjoni kollha 'l ġewwa. Is-selettur tad-doża jirritorna fuq iż-0.

Qatra insulina għandha tidher fil-ponta tal-labra. Jekk dan ma jseħħx, ibdel il-labra u rrepeti l-proċedura sa mhux aktar minn 6 darbiet.

Jekk il-qatra tal-insulina tibqa' ma tidhirx, il-pinna hija difettuża u għandek tuża waħda ġdida.



- ⚠ Dejjem aċċerta ruġek li tidher qatra fit-tarf tal-labra qabel ma tinjetta. Dan jaċċerta li l-insulina ħierġa. Jekk ma tidher l-ebda qatra, inti m'inti se tinjetta l-ebda insulina, anke jekk is-selettur tad-doża forsi jiċċaqlaq. Dan jista' jindika li l-labra hija misduda jew fiha ħsara.
- ⚠ Dejjem iċċekkja l-fluss qabel tinjetta. Jekk ma tiċċekkjax il-fluss, inti tista' tieħu ftit wisq jew ma tieħu l-ebda insulina. Dan jista' jwassal għal livell għoli wisq ta' zokkor fid-demm.

Kif tisselezzjona d-doża

I

Aċċerta ruħek li s-selettur tad-doża qiegħed fuq iż-0.

Dawwar is-selettur tad-doża sabiex tisselezzjona n-numru ta' unitajiet li jkollok bżonn tinjetta.

Id-doża tista' tkun aġġustata kemm 'il fuq u kemm 'il isfel billi ddawwar is-selettur tad-doża f'direzzjoni jew oħra sakemm l-indikatur ikun fuq id-doża li tkun trid. Waqt li tkun qed/a ddawwar is-selettur tad-doża, oqgħod attent/a biex ma tagħfasx il-buttuna tal-injezzjoni għax inkella toħroġ l-insulina.

Ma tistax tisselezzjona doża akbar min-numru ta' unitajiet li jkun fadal fl-iskartoċċ.



- ⚠ Dejjem uża s-selettur tad-doża u l-indikatur biex tara kemm-il unità għażilt qabel tinjetta l-insulina.
- ⚠ Tgħoddx il-klikks li tagħmel il-pinna. Jekk tagħżel u tinjetta d-doża l-ħażina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq. Tużax l-iskala ta' residwu, din turi biss bejn wieħed u ieħor kemm għad fadal insulina fil-pinna tiegħek.

Biex tagħmel l-injezzjoni

J

Daħħal il-labra fil-ġilda tiegħek. Uża t-teknika tal-injezzjoni kif uriek it-tabib jew l-infermier tiegħek.

Injetta d-doża billi tagħfas il-buttuna tal-injezzjoni kollha 'l ġewwa sakemm l-indikatur jiġi fuq iż-żero. Oqgħod attent/a li tagħfas biss il-buttuna tal-injezzjoni meta tkun qed/a tagħmel l-injezzjoni.

Billi ddawwar is-selettur tad-doża ma tkunx qed/a tagħti l-insulina.



K

Żomm il-buttuna tal-injezzjoni magħfusa kollha 'l ġewwa u ħalli l-labra taħt il-ġilda għal mill-anqas 6 sekondi. Dan ser jiżgura li tieħu d-doża kollha.

Neħħi l-labra minn goġ-ġilda, imbagħad neħħi l-pressjoni minn fuq il-buttuna tal-injezzjoni.


Dejjem aċċerta ruħek li s-selettur tad-doża jerġa' lura għal 0 wara l-injezzjoni. Jekk is-selettur tad-doża jieqaf qabel jerġa' lura għal 0, ma tkunx ingħatat id-doża sħiħa, li jista' jwassal għal livell għoli wisq ta' zokkor fid-demm.



L

Qiegħed il-labra fl-għatu l-kbir ta' barra tal-labra mingħajr ma tmissu. Meta l-labra tkun mgħottija, b'attenzjoni imbotta l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra biex jingħalaq sew fuq il-pinna u imbagħad ħoll il-labra.

Oqgħod attent kif tarmiha u erga' poġġi lura l-għatu fuq il-pinna.



- ⚠ Dejjem neħħi l-labra wara kull injezzjoni u aħżen il-FlexPen tiegħek mingħajr labra mwaħħla. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija tal-insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.

Aktar informazzjoni importanti

- ⚠ Persuni li jieħdu ħsieb persuni oħra għandhom joqgħodu attenti ħafna meta jmissu labar użati – biex inaqqsu r-riskju li jitniggżu bil-labar u li jieħdu xi infezzjoni minnhom.
- ⚠ Armi l-FlexPen użata tiegħek b'attenzjoni mingħajr labra imwaħħla.
- ⚠ Qatt m'għandek issellef il-pinna jew il-labar tiegħek lil persuni oħra. Tista' ttihom jew jagħtuk infezzjoni.
- ⚠ Qatt m'għandek issellef il-pinna lil persuni oħra. Il-mediċina tiegħek tista' tkun ta' ħsara għal saħħithom.
- ⚠ Dejjem żomm il-pinna u l-labar tiegħek fejn ma' jidhrux u ma jintlaħqux minn ħaddieħor, speċjalment mit-tfal.